# 1. Introduzzjoni

Mr. Speaker,

F'isem il-Gvern Nazzjonalista, illejla qed nippreżenta l-ħames Baġit ta' din il-leġiżlatura.

Baġit li jsaħħaħ dak li ksibna u jassigura l-futur ta' pajjiżna fis-sod.

Baġit mibni fuq għażliet responsabbli li bihom inkomplu jiddefendu l-kwalità tal-ħajja tal-familji tagħna mill-mewġ tal-maltemp ta' madwarna u jtejbuha.

Baġit li jagħraf l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin u l-familji tagħhom, u li jara f'dawn l-aspirazzjonijiet il-futur sod ta' pajjiżna.

Bl-għażliet responsabbli ta' dan il-Baġit nkomplu noħolqu xogħol u xogħol aħjar għall-familji tagħna. Inkabbru l-ekonomija. Noħolqu il-ġid, li minnu nkomplu nsostnu l-investiment fl-edukazzjoni ta' uliedna, fis-saħħa tagħna, fil-pensjonijiet, fl-ambjent, waqt li nassiguraw li l-finanzi ta' pajjiżna jibqgħu fis-sod.

Mr. Speaker,

Matul din il-leġislatura rajna maltemp kbir. Diffiċli nesaġera l-maltemp li ffaċċjajna.

Fil-pajjiżi ta' madwarna rajna l-kollass ekonomiku u finanzjarju li fisser żieda fil-qagħad madwar l-Ewropa kollha b'mod straordinarju.

Il-prezzijiet taż-żejt u tal-qmugħ għolew għal livelli rekord.

Pajjiżi sħaħ fallew u kellhom jadottaw miżuri ta' awsterità, fosthom qtugħ fil-pagi u l-pensjonijiet, tnaqqis fis-servizzi soċjali u fis-saħħa.

Il-livell tal-għixien ta' popli sħaħ niżel sostanzjalment u ta' oħrajn jinsab mhedded.

Quddiem dan il-maltemp tħabatna, stinkajna u, bl-għażliet responsabbli, rnexxielna nigwidaw lil pajjiżna waqt dan l-inkwiet ekonomiku u finanzjarju u neħilsuh minnu.

Mr Speaker,

L-għażliet li għamilna mhux dejjem kienu popolari; imma iva, dejjem fittixna l-għażliet responsabbli.

Mexxejna 'l pajjiż 'il quddiem u fis-sod.

Żammejna l-investiment ġewwa pajjiżna. Attirajna investiment ġdid. Kabbarna l-oqsma tax-xogħol u ħloqna oħrajn ġodda. Żammejna l-qgħad f'livell baxx. Tejjibna l-pagi u l-qligħ. Għollejna l-livell tal-għixien tal-familji tagħna.

Investejna bil-kbir fl-edukazzjoni, fis-saħħa, u fl-ambjent ta' madwarna. Komplejna nwieżnu lil dawk li għandhom bżonn il-wens u s-sedqa.

Dan stajna nagħmluh għax għamilna l-għażliet responsabbli u flimkien, u bis-sehem ta' kulħadd, qed nirkbu l-mewġ tal-maltemp.

Imma dan il-maltemp għadu għaddej u jidher li ser jibqa' magħna għal xi żmien.

Il-bieraħ stess l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) ħarġet stqarrija dwar "ir-riskju ta' riċessjoni serja u globali" għas-sena li ġejja.

Mr. Speaker,

B'kuraġġ irridu nżommu lil pajjiżna fis-sod.

B'kuraġġ ta' min jemmen f'dan il-pajjiż ċkejken u fil-ħila tal-poplu ħawtiel tagħna.

B'kuraġġ ta' min jemmen li flimkien nistgħu naslu.

U għalhekk li llejla qed nippreżenta dan il-Baġit li b'għażliet responsabbli jassigura futur fis-sod għall-familji tagħna.

Għażliet responsabbli favur politika ekonomika li tkompli toħloq ix-xogħol u tkattar il-ġid.

## 2. L-Ekonomija Maltija u l-Qagħda Internazzjonali

Mr. Speaker,

Il-Baġit għall-2013 huwa mibni fuq il-prinċipji u l-għażliet responsabbli li sawru dawk ta' qablu, u li kienu xhieda ta' l-għaqal tal-poplu Malti u l-Gvern tiegħu.

Irrid nkun ċar. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija li bdiet ħames snin ilu għadha ma spiċċatx u għad fadlilna x'nagħmlu.

L-Unjoni Ewropea stess qed tbassar li l-ekonomija Ewropea se tiċkien din is-sena, u se tikber bi ftit is-sena d-dieħla. Agħar minn hekk, jidher li se jkomplu jintilfu mijiet ta' eluf ta' impjiegi madwar l-Ewropa kollha.

Mhux hekk f'pajjiżna. Pajjiżna rnexxielu jibqa' sod f'dan il-mewġ. Din is-sena se jerga' jkollna tkabbir ekonomiku u erġajna żidna n-numru ta' postijiet tax-xogħol.

Dan irnexxielna nagħmluh għaliex għal sena wara l-oħra ndirizzajna l-aspetti l-aktar importanti għall-ħaddiema u l-familji tagħna – ix-xogħol, l-edukazzjoni u s-saħħa. Konvint li, bħalma għelibna dawn l-isfidi fl-aħħar snin, dan il-Baġit se jipprovdi l-għodda għall-futur biex nibqgħu mexjin fid-direzzjoni it-tajba, fl-interess tal-familji u l-ħaddiema Maltin u Għawdxin kollha.

### 2.1 Sehem l-Unjoni Ewropea biex tittaffa l-Kriżi fl-Ewropa u jerġa' jitkattar il-Ġid u l-Impjiegi

Fil-ġimgħat u x-xhur li għaddew, tqajmu mistoqsijiet kbar mis-swieq finanzjarji dwar l-istabbiltà ta' l-Unjoni Monetarja Ewropea. Iż-Żona Ewro ntlaqtet minn kriżi ta' kunfidenza

minħabba d-dejn kbir li daħlu fih numru ta' pajjiżi ġirien tagħna. Dan qed jimmina l-prospetti għat-tkabbir ekonomiku ewropew. Il-Kunsill Ewropew wasal biex ħa deċiżjonijiet bla preċedent u meħtieġa sabiex l-Ewropa terġa' lura fit-triq ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv.

Issawwru mekkaniżmi u strutturi li jgħinu biex l-iStati Membri jfasslu pjanijiet finanzjarji u ekonomiċi li jkunu sostenibbli u adegwati bl-għan li jbegħdu l-possibbiltà li terġa' tfeġġ kriżi oħra. Iżda ta' min jinnota li dan qed ifisser li numru ta' pajjiżi mhux qed ikollhom għażla oħra ħlief li jżidu t-taxxi u jnaqqsu n-nefqa pubblika, inkluż l-oqsma soċjali bħall-pensjonijiet u l-pagi tal-ħaddiema.

Min-naħa l-oħra, dan il-Gvern, mexxa b'għaqal il-finanzi pubbliċi. Tant hu hekk li l-Unjoni Ewropea stess tatna ċertifikat tat-tmexxija responsabbli tagħna, u ddikjarat li ma kienx hemm bżonn li Malta tibqa' taħt il-proċedura ta' sorveljanza tal-Kummissjoni Ewropea għax id-defiċit tagħna llum qiegħed f'livelli aċċettabbli.

Din tatna l-fiduċja li nippreżentaw Baġit li jinkludi sensiela ta' inizjattivi li jkomplu jixprunaw l-ekonomija u l-ħolqien tax-xogħol.

## 2.2 L-Ekonomija Maltija u l-Ħolqien tax-Xogħol

Mr Speaker,

Minkejja l-isfidi kbar li ġabu għarkubbtejhom pajjiżi ġirien madwarna, il-politika responsabbli mħaddna mill-Gvern fit-tmexxija ekonomika u finanzjajra ta' pajjiżna ħalliet il-frott. Filfatt, l-ekonomija Maltija kompliet tikber kemm fl-2010 u fl-2011, u għal din is-sena qed nipprevedu tkabbir ta' 1.2 fil-mija

f’termini reali. Dan iqabbel tajjeb mal-pajjiżi ġirien tagħna u l-Unjoni Ewropea, fejn f’ta’ l-aħħar mhu mbassar l-ebda tkabbir għas-sena 2012. L-ekonomija taż-Żona Ewro hija mbassra li tiċkien b’0.4 fil-mija.

Ir-rata tal-inflazzjoni matul it-12-il xahar sa Settembru uriet tnaqqis għal 2.30 fil-mija. Għaldaqstant, iż-żieda tal-għoli tal-ħajja, ikkalkulata skont il-mekkaniżmu maqbul mal-imsieħba soċjali, se tkun ta' €4.08 fil-ġimgħa.

Matul din is-sena, kienu bosta s-setturi ekonomiċi li rreġistraw titjib, ewlenin fosthom is-settur finanzjarju, tal-informatika u l-komunikazzjoni, u dawk tas-servizzi professjonali, tekniċi u xjentifiċi, l-arti, id-divertiment u r-rikrejazzjoni. Kellna wkoll sena tajba ħafna fis-settur tat-turiżmu, filwaqt li numru ta’ kumpaniji tal-manifattura ħabbru espansjoni fl-operat tagħhom.

Ir-riżorsa l-aktar importanti għal pajjiżna huma l-ħaddiema. Matul it-12-il xahar sa Mejju ta' din is-sena rajna parteċipazzjoni akbar fid-dinja tax-xogħol u żieda fil-livell tal-impjiegi. Iż-żieda fl-impjiegi *full-time* tirrifletti żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol. Din kienet ġenerata mis-settur privat wara li n-numru ta’ impjiegi fis-settur pubbliku kompla jonqos. Matul dan l-istess perjodu żdiedu wkoll ħaddiema jaħdmu *part-time*.

Ix-xejriet fil-qasam tax-xogħol huma inkoraġġanti ferm meta mqabbla ma’ dak li qed jiġri fl-Unjoni Ewropea u fiż-Żona Ewro. Fl-Ewropa kompla jikber il-qgħad, filwaqt li f’Malta komplejna noħolqu x-xogħol. Ir-rata tal-qghad fl-Unjoni Ewropea laħqet l-10.5 fil-mija f’Ġunju ta’ din is-sena, u dik fiż-Żona Ewro laħqet il-11.4 fil-mija. Dan meta f’Malta laħqet is-6.5 fil-mija.

Il-fatti juru biċ-ċar li nħolqu aktar minn 20,000 post tax-xogħol ġdid.

Dan il-Gvern għandu r-rekord għall-ħolqien tax-xogħol.

## 2.3 Inżommu l-Finanzi ta' Pajjiżna fis-Sod

Mr. Speaker,

Biex pajjiżna jibqa' attraenti għall-investiment, hemm bżonn li nżommu l-istabbiltà finanzjarja. Is-sena li għaddiet ilħaqna l-mira tagħna li nnaqqsu l-iżbilanċ pubbliku għal taħt it-3 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross, bi 2.7 fil-mija. Aktar kmieni dan ix-xahar, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li ma kienx hemm bżonn li jittieħdu aktar miżuri kontra Malta fir-rigward tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv.

Informazzjoni dwar dħul mit-taxxi, nefqa rikurrenti, investiment kapitali u dejn tal-gvern għall-2012 qiegħda fit-tabelli 2.1, 2.2 u 2.3, u f'Appendiċi A, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija.

Dan hu riżultat li jimlina b'kuraġġ, iżda, irridu noqogħdu attenti li ma jkunx hawn min jipprova jtellifna l-kisbiet li għamilna flimkien.

Fl-aħħar snin ħadna diversi miżuri biex insaħħu l-qafas fiskali u baġitarju tagħna. Issa nemmnu li rridu nagħmlu pass ieħor. Hija l-mira tal-Gvern li jipproponi abbozz ta' liġi biex naddottaw qafas fiskali modern, trasparenti, u li jkompli jsaħħaħ ir-rigorożità u d-dixxiplina finanzjarja fis-settur pubbliku.

**Tabella 2.1** **Il-Qagħda Fiskali 2011 - 2012**

| | 2011 | | 2012 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali | | Approvat | | Rivedut | |
| | € '000 | | € '000 | | € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul Totali | | 2,643,831 | | 2,961,000 | | 2,868,374 |
| Dħul minn Taxxi | 2,323,351 | | 2,541,850 | | 2,515,437 | |
| Dħul Ieħor | 320,480 | | 419,150 | | 352,937 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,573,746 | | 2,680,900 | | 2,725,273 |
| Spiża Rikurrenti | 2,361,284 | | 2,450,295 | | 2,498,569 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | 212,462 | | 230,605 | | 226,704 | |
| Bilanċ (Żbilanċ) Rikurrenti | 70,085 | | 280,100 | | 143,101 | |
| Nefqa Kapitali | | 288,695 | | 425,327 | | 322,828 |
| Nefqa Totali | | 2,862,441 | | 3,106,227 | | 3,048,101 |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(218,610)** | | **(145,227)** | | **(179,727)** |
| Finanzjament | | | | | | |
| Ħlas lura dirett ta' Self | (128,438) | | (509,702) | | (349,757) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Funds* - Lokali | (6,744) | | (4,857) | | (4,857) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Funds* - Barranin | (6,758) | | (6,716) | | (6,716) | |
| Akkwist ta' *Equity* | (6,000) | | (20,100) | | (54,492) | |
| Faċilita' ta' Self mar-Repubblika Ellenika | (30,842) | | (16,575) | | - | |
| EFSF *Credit Line Facility* | - | | (4,500) | | (4,500) | |
| Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern | - | | 52,002 | | 52,002 | |
| Faċilita' ta' Self mal-*Air Malta plc* | (52,000) | | - | | (52,000) | |
| Bilanċ mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | 9,622 | | 28,159 | | 28,425 | |
| Bejgħ ta' Assi | - | | - | | - | |
| | | (221,160) | | (482,289) | | (391,895) |
| Ħtieġa ta' Self | | (439,770) | | (627,516) | | (571,622) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar | (125,231) | | 24,524 | | 2,797 | |
| Self Lokali | 567,798 | | 700,000 | | 651,000 | |
| | | 442,567 | | 724,524 | | 653,797 |
| Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru | | 2,797 | | 97,008 | | 82,175 |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **41,631** | | **(8,673)** | | **21,327** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(176,979)** | | **(153,900)** | | **(158,400)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **6,499,165** | | | | **6,778,629** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-2.7%** | | | | **-2.3%** | |

**Tabella 2.2** **Il-Qagħda Fiskali 2011 - 2015**

| | 2011 Attwali € '000 | | 2012 Rivedut € '000 | | 2013 Estimi € '000 | | 2014 Estimi € '000 | | 2015 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul Totali | | 2,643,831 | | 2,868,374 | | 3,126,214 | | 3,256,533 | | 3,381,707 |
| Dħul minn Taxxi | 2,323,351 | | 2,515,437 | | 2,710,778 | | 2,832,128 | | 2,951,628 | |
| Dħul Ieħor | 320,480 | | 352,937 | | 415,436 | | 424,405 | | 430,079 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,573,746 | | 2,725,273 | | 2,797,134 | | 2,871,230 | | 2,941,266 |
| Spiża Rikurrenti | 2,361,284 | | 2,498,569 | | 2,561,852 | | 2,625,764 | | 2,685,100 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | 212,462 | | 226,704 | | 235,282 | | 245,466 | | 256,166 | |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 70,085 | | 143,101 | | 329,080 | | 385,303 | | 440,441 | |
| Nefqa Kapitali | | 288,695 | | 322,828 | | 424,480 | | 466,703 | | 460,441 |
| Nefqa Totali | | 2,862,441 | | 3,048,101 | | 3,221,614 | | 3,337,933 | | 3,401,707 |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(218,610)** | | **(179,727)** | | **(95,400)** | | **(81,400)** | | **(20,000)** |
| Finanzjament | | | | | | | | | | |
| Ħlas lura dirett ta' Self | (128,438) | | (349,757) | | (516,783) | | (511,661) | | (349,377) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Funds* - Lokali | (6,744) | | (4,857) | | (4,059) | | (3,261) | | (3,261) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Funds* - Barranin | (6,758) | | (6,716) | | (6,475) | | (6,465) | | (6,464) | |
| Akkwist ta' *Equity* | (6,000) | | (54,492) | | (51,796) | | (26,796) | | (54,796) | |
| Faċilita' ta' Self lir-Repubblika Ellenika | (30,842) | | - | | - | | - | | - | |
| Faċilita' ta' Self lil-*Air Malta plc* | (52,000) | | (52,000) | | - | | - | | - | |
| EFSF *Credit Line Facility* | - | | (4,500) | | (4,500) | | (4,500) | | (4,500) | |
| Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern | - | | 52,002 | | 2 | | 2 | | 2 | |
| Bilanċ mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | 9,622 | | 28,425 | | 28,343 | | - | | - | |
| Bejgħ ta' Assi | - | | - | | - | | - | | - | |
| | | (221,160) | | (391,895) | | (555,268) | | (552,681) | | (418,396) |
| Ħtieġa ta' Self | | (439,770) | | (571,622) | | (650,668) | | (634,081) | | (438,396) |
| Self Barrani | | - | | - | | - | | - | | - |
| Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar | (125,231) | | 2,797 | | 82,175 | | 81,507 | | 97,426 | |
| Self Lokali | 567,798 | | 651,000 | | 650,000 | | 650,000 | | 450,000 | |
| | | 442,567 | | 653,797 | | 732,175 | | 731,507 | | 547,426 |
| Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru | | 2,797 | | 82,175 | | 81,507 | | 97,426 | | 109,030 |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **41,631** | | **21,327** | | **(27,500)** | | **(3,000)** | | **(29,000)** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(176,979)** | | **(158,400)** | | **(122,900)** | | **(84,400)** | | **(49,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **6,499,165** | | **6,778,629** | | **7,070,110** | | **7,381,195** | | **7,735,492** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-2.7%** | | **-2.3%** | | **-1.7%** | | **-1.1%** | | **-0.6%** | |

**Tabella 2.3** **Il-Bilanċ tad-Dejn tal-Gvern**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015<br>*€ '000* |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 4,046,345 | 4,356,570 | 4,489,802 | 4,628,141 | 4,728,764 |
| *Bills* tat-Teżor | 257,148 | 134,770 | 135,438 | 119,519 | 107,915 |
| Self Lokali ma' Banek Kummerċjali | 56,379 | 56,379 | 56,379 | 56,379 | 56,379 |
| Self minn Barra | 74,581 | 62,017 | 51,028 | 40,415 | 29,802 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 111,533 | 88,466 | 90,466 | 92,466 | 94,466 |
| Munita | 45,836 | 50,200 | 54,400 | 58,600 | 62,900 |
| EFSF (*Debt Re-Routing* ) | 15,531 | 101,913 | 101,913 | 101,913 | 101,913 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **4,607,353** | **4,850,315** | **4,979,426** | **5,097,433** | **5,182,139** |
| Prodott Domestiku Gross | 6,499,165 | 6,778,629 | 7,070,110 | 7,381,195 | 7,735,492 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **70.89%** | **71.55%** | **70.43%** | **69.06%** | **66.99%** |

Mr. Speaker,

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja ta' l-*Economic Survey*, li jagħti ħarsa dettaljata tas-sitwazzjoni ekonomika ta' pajjiżna.

## 2.4 Ħolqien tax-Xogħol

Mr. Speaker,

Kif għidt qabel, matul din il-leġiżlatura ħloqna 'l fuq minn 20,000 post tax-xogħol ġdid.

Illum għandna l-ogħla numru ta' nies jaħdmu li qatt kellna f'pajjiżna.

Illum għandna waħda mill-anqas rati ta' qgħad fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea.

Dak li rnexxielna niksbu ma ġarax b'kumbinazzjoni.

Dan ġara għaliex ħdimna tajjeb mal-korpi kostitwiti u l-Unions kollha, mal-investituri privati, u mal-ħaddiema Maltin u Għawdxin. Flimkien użajna b'għaqal ir-riżorsi finanzjarji tagħna.

Jeħtieġ li nkomplu nistinkaw biex inkabbru l-ekonomija tagħna biex noħolqu aktar opportunitajiet ta' xogħol u qliegħ għal kull min jixtieq jaħdem. Irridu nkomplu ntejbu l-kwalità tal-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin kollha.

Se nkomplu ninvestu fil-kompetittività tan-negozji tagħna u ta' pajjiżna, u se nkomplu naħdmu biex inżidu l-effiċjenza tas-settur pubbliku.

Irridu nkomplu nindirizzaw dak kollu li jxekkel in-negozju f'pajjiżna.

Irridu fuq kollox nimmiraw dejjem lejn kwalità ogħla għall-prodotti li nipproduċu u s-sevizzi li nagħtu.

Għalhekk f'dan il-Baġit, se nkomplu ninvestu f'dak kollu li jgħin fil-ħidma ekonomika tagħna, fir-rizorsi umani tagħna, fl-infrastruttura interna ta' pajjiżna, u fil-komunikazzjoni bejn pajjiżna u l-kumplament tad-dinja.

Se nkomplu naħdmu biex nattiraw aktar investivement u xogħol għal pajjiżna.

B'hekk biss nistgħu nassiguraw għixien tajjeb għall-poplu tagħna.

B'hekk biss nistgħu nkomplu ntejbu dak li ksibna flimkien.

# 3. Ix-Xogħol, l-Intrapriża u t-Turiżmu

## 3.1 Aktar Inizjattivi favur l-Intrapriża

Mr. Speaker,

Is-suċċess ekonomiku u fil-qasam tal-impjiegi ta' pajjiżna huwa frott il-ħidma politika ta' dawn l-aħħar 25 sena. Statistika pubblikata dan ix-xahar minn Ernst & Young sabet li 86 fil-mija minn dawn l-imprendituri jqisu li Malta huwa post tajjeb biex tinvesti fih.

Huma diversi r-raġunijiet li wasslu għal dan ir-riżultat, bl-aktar importanti tibqa' livell għoli ferm ta' stabbiltà ekonomika u finanzjarja li tippermetti lis-sid ta' negozju jaħdem b'moħħu mistrieħ, kif ukoll minħabba l-pakkett ta' inċentivi fiskali u finanzjarji li jagħti l-Gvern biex jixpruna l-investiment u l-ħolqien tal-postijiet tax-xogħol.

Ma' Gvern Nazzjonalista, is-serħan il-moħħ ta' min iħaddem u tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin huwa garantit bil-fatti mhux bil-kliem.

L-ekonomija tagħna llum hija waħda diversifikata u liberalizzata, minkejja l-oppożizzjoni li dejjem sibna. Illum kulħadd jirrikonoxxi li dan huwa pilastru fundamentali għal sors ta' ħolqien ta' ġid u impjiegi. Id-diversifikazzjoni tagħti wkoll kontribut għall-istabbiltà. Tagħti ċertezza lill-pajjiż. Huwa proprju għalhekk li l-Viżjoni tagħna għall-2015 u lil hinn hija msejsa fuq dan il-prinċipju. Irridu li nilħqu livell ta' eċċellenza f'seba' setturi identifikati.

## Il-Politika Industrijali

Mr. Speaker,

Is-settur tal-manifattura jibqa′ wieħed mill-pilastri ekonomici ewlenin f′pajjiżna. Dan is-settur huwa mutur ewlenin għall-iżvilupp tal-innovazzjoni, permezz ta' żvilupp intern u bħala konsumatur ewlieni ta' teknoloġiji ġodda.

Il-Gvern għandu viżjoni strateġika li toħloq ambjent li jipprovdi dejjem aktar l-għodod li jistimulaw l-iżvilupp ta′ intrapriżi industrijali, li jirrispondu b'mod dinamiku għall-bidliet fis-swieq internazzjonali, u li huma kapaċi jiżguraw vantaġġ kompetittiv.

Qed naġġornaw il-politika u l-istrateġija industrijali tagħna. Din se tkun ibbażata fuq tliet oqsma strateġiċi ewlenin: il-kompetittività, l-innovazzjoni, u l-imprenditorjat.

Se nibqgħu naħdmu ma′ min diġà nvesta f′pajjiżna biex isaħħaħ l-investiment tiegħu, u ma′ investituri ġodda li jridu jibbenefikaw mill-vantaġġi li joffri pajjiżna.

Huwa ta′ sodisfazzjon kbir li numru ta′ kumpaniji li joperaw f′Malta ħabbru li se jżidu l-attività tagħhom, filwaqt li oħrajn ġodda qed jiftħu f′pajjiżna.

Il-Gvern qed jattira wkoll numru ta′ kumpaniji li jaħdmu f′setturi ġodda, bħal dak tal-farmaċewtika, tal-avjazzjoni, id-*digital gaming*, u oħrajn.

## Inċentivi u Inizjattivi favur it-Tisħiħ tal-Industrija

Mr. Speaker,

Dan il-Baġit qed jivvota s-somma ta' 14-il miljun ewro f'inċentivi għall-industrija.

Minkejja l-isfidi kollha li s-settur tal-manifattura ltaqa' miegħu tul din il-leġislatura, mill-2008 'l hawn kienu approvati 167 proġett minn fabbriki u kumpaniji li bejniethom mistennija jinvestu mat-355 miljun ewro, u joħolqu 3,860 post tax-xogħol dirett ġdid fuq perjodu ta' tliet snin. Dan minbarra li aktar minn 6,000 negozju ġew mgħejjuna b'inċentivi li jammontaw għal madwawr 45 miljun ewro fis-sena.

Fl-aħħar erba' snin tajna aktar minn 200 miljun ewro f'*tax credits* li stimulaw investimenti ta' 'l fuq minn 500 miljun ewro.

Nedejna l-Programm *20 million for industry* li, wara li estendejnih, b'kollox tajna 42 miljun ewro fi skemi li qed jgħinu lin-negozji fil-kompetittività internazzjonali, l-innovazzjoni, l-*eBusiness*, ir-ricerka u l-iżvilupp, l-ambjent, u l-*iStart-ups*.

B'kollox ġew megħjuna 570 kumpanija li, bejniethom, investew kważi 80 miljun ewro. Il-fondi li fadal se jiġu allokati fir-raba' sejħa li għaliha applikaw mal-200 negozju

Biex inkomplu nassistu lill-industrija ta' pajjiżna biex tilqa' għal-isfida tal-prezz tal-enerġija, din s-sena il-Gvern nieda skema ta' investiment *High Energy User Scheme* għall-fabbriki li jikkunsmaw aktar min 2GwH fis-sena. Din l-iskema kienet suċċess u li fiha diġà qed jipparteċipaw sitt fabbriki li, bl-għajnuna tal-Gvern, qed jagħmlu investiment ta' 7.7 miljun ewro f'sistemi ta' ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva u konservazzjoni ta' l-enerġija.

B'dan il-Baġit, il-Gvern qed iniedi skema speċifikament għall-industrija u l-lukandi li huma *High Energy Users* fil-kuntest Għawdxi biex inkomplu nagħmlu l-operazzjonijiet tagħhom aktar sostenibbli.

Minkejja li ma jidhirx li fil-kaz ta' Malta se jkun possibbli li tibqa' tibbenefika minn *Least Developed Status* tal-Unjoni Ewropea mill-2014 sa l-2020, oriġinarjament magħruf bħala *Objective 1 status*, il-Gvern Malti fin-negozjati tal-*Multiannual Financial Framework* li qed jagħmel fi ħdan l-Unjoni Ewropea se jkompli jinsisti li jiġu ndirizzati l-iżvantaġġi intrinsiċi ta' gżira stat b'mod effettiv, inklużi dawk li jiffaċċjaw l-industrija u l-operaturi li joperaw minn Malta.

Minkejja kollox, dwar il-pakkett għal Malta fil-*Multiannual Financial Framework* 2014 sa l-2020, waqt li l-aħħar proposta ttejjeb sostanzjalment dak li Malta tista' tieħu f'fondi strutturali u ta' koeżjoni, minħabba ċ-ċirkostanzi ta' pajjiżna l-Gvern Malti qed jaħdem għal pakkett finali aħjar għal Malta.

Mr. Speaker,

Infakkar ukoll fl-għajnuna speċjali li tajna lil dawk il-kumpaniji li sabu ruħhom f'diffikultà minħabba fatturi internazzjonali. Matul ir-riċessjoni mal-15-il kumpanija ngħataw għajnuna biex jinvestu f'linji ġodda jew iħarrġu 'l-ħaddiema tagħhom. Dan wassal biex salvajna 5,000 impjieg. Illum, dawn il-kumpaniji huma fost l-aktar kontributuri importanti għaż-żieda qawwija fl-esportazzjoni li rreġistra pajjiżna.

Matul din is-sena wkoll esperjenzajna mill-qrib il-kriżi f'pajjiż ġagħar tagħna: il-Libja. Madwar 200 kumpanija ntlaqtu minn din il-krizi, u dawn ingħataw għajnuna biex ikunu jistgħu jegħlbu d-diffikultà ta' likwidità. Se tingħata attenzjoni speċifika fuq opportunitajiet ġodda ta' negozju fil-Libja. Il-Malta Enterprise se tiftaħ dalwaqt uffiċċju ġewwa Misurata. Qed nibgħatu delegazzjonijiet ghan-negozju fil-Libja b'mod aktar regolari u se nwaqqfu business e-networks sabiex niffaċilitaw aktar kollaborazzjoni kummercjali u *partnerships*.

**Proġetti Infrastrutturali**

Mr. Speaker,

Matul is-sena li ġejja, se nkomplu bil-proġetti favur it-tisħiħ tal-industrija ġewwa pajjiżna.

Il-proġett tal-*BioMalta Campus*, li qed isir b'investiment ta' 38 miljun ewro, se joffri l-infrastruttura neċessarja għall-iżvilupp tal-*Life Sciences* f'pajjiżna. Ix xogħol ta' twaqqiegħ u tindif tas-sit tlesta. It-*tender* għax-xogħol ta' kostruzzjoni ngħata u ħareġ il-permess tal-iżvilupp mill-MEPA. B'hekk, ix-xogħol ta' kostruzzjoni mistenni jibda fil-ġimgħat li ġejjin, wara li jiġi ffirmat il-kuntratt. Meta jitlesta, dan il-proġett se jipprovdi spazju u faċilitajiet għar-riċerkaturi u kumpaniji nvoluti fl-oqsma tal-bioteknoloġija u l-*life sciences*. Dan huwa qasam ġdid ta' żvilupp għal pajjiżna u rridu naħdmu flimkien biex jagħmel is-suċċess bħal ma għamel il-qasam tas-servizzi finanzjarji.

Se jkompli wkoll ix-xogħol ta' titjib fiż-żoni industrjali ta' Bulebel, Ħal Far, Kordin, il-Mosta u x-Xewkija, b'investiment ta' 17-il miljun ewro. Minbarra xogħol fit-toroq u ta' tisbiħ, qed jinbnew ukoll tliet ċentri għall-kura tat-tfal. Meta dawn jitlestew, se jkun hemm ċentru għall-kura tat-tfal f'aktar minn nofs iż-żoni industrijali l-kbar.

Bħalissa qed jiġu riveduti s-sevizzi ta' inkubazzjoni provduti lill-i*start-ups* mill-Malta Enterprise ġewwa Kordin. L-infrastruttura attwali mhijiex biżżejjed biex tospita negozji fl-ICT u d-*Digital Content Development*. Għaldaqstant, b'investiment ta' 3.5 miljun ewro, se tiġi żviluppata faċilità ta' *plug in/plug out* għal kumpaniji ġodda innovattivi f'dawn l-oqsma.

Ftaħna settur ekonomiku ġdid: dak tal-logħob diġitali. Ħabbarna strateġija għal dan is-settur u bdejna nwettquha. Nidejna wkoll numru ta' inċentivi fiskali biex nattiraw l-investiment f'dan il-qasam. L-Università ta' Malta investiet bil-kbir fit-tagħlim u r-riċerka f'dan il-qasam billi waqqfet id-Dipartiment għall-Logħob Diġitali. L-ewwel grupp ta' studenti f'dan id-dipartiment bdew l-istudji tagħhom f'Ottubru li għadda. Dan jikkumplimenta l-iżvilupp f'dan is-settur mill-istituzzjonijiet edukattivi privati.

Illum nixtieq inħabbar li se nwaqqfu *Hub* għall-Logħob Diġitali. Dan il-*Hub*, li se jkun wieħed fiżiku u strateġiku, huwa maħsub li jiġbor fi ħdanu l-iżviluppaturi tal-logħob diġitali, studenti f'dan il-qasam, artisti diġitali, u investituri. Hemm il-ħsieb li dan il-*Hub* jibda jipprovdi faċilitajiet tal-uffiċċju, faċilitajiet għal żviluppaturi tal-logħob diġitali, u servizzi ta' *mentoring* minn esperti f'dan il-qasam. Fuq livell strateġiku, l-*Hub* mistenni li jġib flimkien diversi istituzzjonijiet b'interess f'dan is-settur ġdid, bħall-Malta Enterprise, l-Università ta' Malta, u oħrajn, biex flimkien jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-industrija tal-logħob diġitali f'pajjiżna. B'hekk inkunu qed naħdmu biex inkabbru dan is-settur ekonomiku ġdid, u npoġġu lil Malta fuq il-mappa dinjija tal-logħob diġitali.

Fir-rigward tal-industrija tal-Films, il-Gvern se jtejjeb il-pakkett ta' inċentivi biex inkomplu nattiraw produzzjoni tal-films internazzjonali f'pajjiżna. Wara li din is-sena żidna l-ispejjeż eliġibbli dan ir-*rebate* fuqhom, il-Gvern se jżid il-persentaġġ tal-istess *rebate* li tista' tintalab minn dawn il-produzzjonijiet minn 20 għal 23 fil-mija. F'każ ta' produzzjoni li tuża lil Malta fil-film bħala pajjiżna jieħu 2 fil-mija aktar.

Il-Gvern jemmen li meta tħares lejn il-pakkett sħiħ li tista' toffri Malta għal dawn il-produzzjonijiet, se nkomplu nkunu kompetittivi.

**Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

Il-Gvern qed jaħdem bis-sħiħ biex jimbotta r-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiż. Saħħaħ il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija. Dan il-Kunsill qed jagħti viżjoni strateġika u juri t-triq f'dan il-qasam. Iżda, fuq kollox, dan il-Kunsill qiegħed jaħdem sabiex jiftaħ orizzonti ġodda u jagħti opportunitajiet ġodda lill-ekonomija tagħna. Qed ninvestu f'ċentru mill-aqwa għax-xjenza interattiva f'Bighi biex inkabbru l-għarfien dwar x-xjenza u t-teknoloġija, inħajru u niġbdu aktar żgħażagħ lejn dawn l-oqsma importanti, u nagħtu esperjenza sħiħa lill-familji tagħna.

Mill-2004 'l hawn, investejna aktar minn sitt miljun ewro f'madwar 45 proġett permezz tal-Fond Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Dan minbarra aktar minn 125 proġett finanzjati mill-Programm FP7 b'valur ta' 13-il miljun ewro. Din hija r-raba' l-ogħla fl-Ewropa f'termini ta' proġetti per kapita. Il-mira hi li issa nżidu anke f'parteċipazzjoni f'dan il-programm. Fl-aħħar sentejn, grazzi għall-Programm COST, ġew involuti 90 riċerkatur mill-Università ta' Malta.

Mr. Speaker, f'dan il-Baġit qed nallokaw 1.6 miljun ewro għar-riċerka u innovazzjoni.

Il-Gvern se jkun qed jiffinanzja, fit-tliet snin li ġejjin, proġett imsejjaħ ENIAC *industrial project Lab4MEMS*, li huwa proġett kordinat bejn l-STMicroelectrins ta' l-Italja, u d-Dipartiment tal-Micro and Nanoelectronics fl-Università ta' Malta. Il-Gvern se jiffinanzja 1.75 miljun ewro għal dan il-proġett, bl-investiment totali ta' dan il-proġett stmat li jilħaq l-4.6 miljun ewro. Nemmen li dan il-proġett ikompli jsaħħaħ il-preżenza tal-ST f'pajjiżna u li jkompli jagħmel mill-impjant ta' Malta iċ-ċentru ta' eċċellenza fit-teknologija tal-MEMS għal ST fuq livell internazzjonali.

**Negozji Żgħar u Medji**

Mr. Speaker,

L-intraprizi żgħar u medji għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija Maltija. L-esperjenza uriet li huma pilastru ewlieni ekonomiku li kapaċi joħloq ix-xogħol u jirrendi. Fil-perjodu tal-kriżi, kienu sors strumentali ta' ħolqien ta' ġid u tkabbir ekonomiku. Is-sehem tal-intrapriżi żgħar u medji biex pajjiżna jiffaċċja u jegħleb il-maltemp ekonomiku kien wieħed strateġiku u kruċjali.

Il-Gvern qed jgħin lil dan is-settur b'żewġ modi: inċentivi finanzjarji u fiskali biex nagħtu appoġġ lil min irid jibda jew jespandi, u billi noħoloqu l-ambjent li jgħin lil min irid joħloq attività ekonomika.

Skema li kellha suċċess kbir mas-settur tan-negozju hija l-*MicroInvest* li, permezz tagħha, ingħataw aktar minn 11.5-il miljun ewro fi tnaqqis fl-*income tax* lil 'il fuq minn 1,700 negozju. Infakkar li din l-iskema tagħti lin-negozji kreditu ta' taxxa li jammonta għal 40 fil-mija tal-investiment li jagħmlu, sa massimu ta' 25,000 ewro. Fil-każ tan-negozji Għawdxin, dan jitla' għal 60 fil-mija. Sal-aħħar ta' Settembru, applikaw 1,735 negozju li, bejniethom, investew aktar minn 35 miljun ewro, u ħolqu mas-600 impjieg b'għajnuna diretta minn din l-iskema. Kwart minnhom kienu sidien ta' negozji Għawdxin.

Permezz ta' dan il-Baġit, din l-iskema se tkun estiża għal sentejn oħra u se jkunu eleġibbli dawk in-negozji li jħaddmu sa mhux aktar min 30 persuna magħhom.

L-istess għall-iskema *Jeremie MicroCredit* li hija success kbir. Sal-lum diġà bbenefikaw aktar minn 440 li gawdew bejniethom self b'rati vantaġġjużi ta' 38 miljun ewro, u li investew 'il fuq minn

60 miljun ewro. Il-Gvern għaddej f'diskussjoni mal-*European Investment Fund* biex din l-iskema tiġi estiża.

Il-*MicroGuarantee Scheme* daħlet ukoll fis-seħħ aktar kmieni din is-sena. Matul din is-sena komplejna ntejbu l-inċentivi, is-servizzi, u l-infrastruttura għall-intrapriżi Maltin u Għawdxin.

F'Jannar li għadda waqqafna ukoll l-*Business First*: *one-stop-shop* għan-negozji li joffri aktar minn 50 sevizz tal-Gvern taħt saqaf wieħed u li s'issa, għamlu kuntatt miegħu mad-9,000 sid tan-negozju. Għamilna wkoll riforma importanti fis-sistema tal-liċenzji fejn, għal ħafna kategoriji, qtajna kompletament kull burokrazjia u rriduċejna l-proċess għal sempliċiment notifika, barra milli raħħasna wkoll il-liċenzji. F'dawn il-ġranet ħriġna wkoll skema fuq il-ħwienet proprjetà tal-Gvern fil-Belt Valletta biex nagħtu aktar ċertezza lis-sidien, u b'hekk ikunu jistgħu jinvestu fil-proprjetà aktar fit-tul.

Biex inkomplu ninkoraġġixxu *start-ups* u inħarju impriżi stabbiliti jinvestu f'*seed capital* f'kumpaniji ġodda, il-Malta Enterprise se tniedi skema *B.START*, li biha negozju stabbilit se jingħata tnaqqis mit-taxxa, sa massimu ta' 30,000 ewro, għal investiment fil-kapital ta' impriża ġdida approvata mill-MaltaEnterprise. Din l-iskema se toħloq opportunità għal dak li jissejjaħ *crowd funding*.

Se tiġi mnedija skema għall-promozzjoni ta' infrastrutturi ta' *clusters* u netwerks. L-għajnuna se tkopri l-ewwel spejjeż għat-twaqqif tal-grupp, bħal kiri ta' bini u l-iżvilupp ta' *e-tools*. Din l-iskema għandha tgħin lin-negozji lokali jieħdu l-opportunitajiet tas-suq ħieles Ewropew.

Il-Gvern se jara kif jiffaċilita l-użu tal-*factoring* bħala mezz ieħor ta' likwidità għall-intrapriżi. Il-Gvern se jiżviluppa l-qafas

regolatorju tal-*factoring* biex jassigura li dan ikun mezz ieħor ta’ għajnuna għan-negozji.

*Mergers* u diviżjonijiet tal-kumpaniji huma neċessarji biex ikollna faċilità li negozju jiġi ristrutturat. *Cross-border mergers* fl-Unjoni Ewropea diġà huma eżenti mit-taxxa. Din kellna wkoll f’Malta, iżda ġiet irtirata minħabba l-abbużi li kienu qed isiru. Madanakollu, hija ħtieġa ta' negozji ġenwini li jirristrutturaw u, għaldaqstant, qed indaħħlu numru ta' emendi biex jippermettu dan taħt ċertu kontroll. Irrid nenfasizza li l-awtoritajiet fiskali se jkollhom aktar poter jassiguraw ruħhom li l-iskema proposta qed issir għal raġunijiet ekonomiċi ġenwini, u mhux sempliċiment għal skop ta' *tax planning*. Id-Dipartment se jkollu l-awtorità li japprova jew jiċħad talba li ssirlu.

Minbarra x-xogħol siewi li qed nagħmlu permezz tal-Malta Enterprise u strutturi oħra tal-Gvern sabiex ngħinu u nsostnu n-negozji żgħar u medji, se nniedu numru ta’ inizjattivi ġodda biex niżguraw li dan il-qasam ikompli jikber u jikkontribwixxi b’mod sħiħ lejn l-iżvilupp ekonomiku ta’ pajjiżna. Għalhekk:

- Se niżviluppaw pjan ta’ azzjoni li jindirizza t-trawwim fl-imprenditorija mill-iskejjel primarji sa l-edukazzjoni terzjarja biex jippreparaw ruħhom għal karrieri fin-negożju;

- Se nagħtu kull għajnuna liż-żgħażagħ biex jidħlu fid-dinja tan-negozju permezz ta’ *Youth Entrepreneurship Act*;

- Se nwaqqfu Osservatorju, bi sħubija mal-Università ta’ Malta, biex insaħħu r-riċerka dwar in-negozji tagħna u dawk li jaħdmu għal rashom; u

- Se nniedu korsijiet qosra u intensivi għal matul tmiem il-ġimgħa għal min hu interessat li jibda negozju ġdid, u li għandhom ftit ħin għad-disposizzjoni tagħhom biex jiddedikawh għat-taħrig.

Mr. Speaker,

Il-potenzjal ta' Għawdex bħala reġjun għan-negozju teħtieġ attenzjoni speċifika fuq bażi kontinwa. Barra minn hekk, il-promozzjoni ta' Għawdex għall-investimenti ġodda jeħtieġ li tkun differenti minn dik ta' Malta, u għandha tirrifletti l-kompetenzi ewlenin u speċifiċi li Għawdex u l-Għawdxin għandhom.

Il-Gvern jemmen li Għawdex jixraqlu attenzjoni partikolari fl-istrateġija industrijali nazzjonali. Għalhekk, għandha tiġi żviluppata strateġija speċifika mmirata biex tidentifika u tisfrutta l-potenzjal f'Għawdex. Il-politika industrijali għandha tiżviluppa strutturi u mekkaniżmi biex tidentifika u trawwem il-kompetenzi u s-saħħiet ewlenin li Għawdex jista' joffri bħala post għall-investiment u l-ħolqien tax-xogħol.

Il-Fondi ERDF għall-Enerġija ntlaqgħu tajjeb u ntużaw b'suċċess mill-industrija. Minbarra li stimulaw investimenti u attività ekonomika ġdida, taw ukoll kontribut lejn il-ġenerazzjoni ta' aktar enerġija alternattiva f'Malta. Fuq medda ta' żmien se jnaqqsu l-ispiża assoċjata mal-konsum tad-dawl fl-industriji li bbenifikaw mill-fondi.

Huwa għalhekk li, wara konsultazzjoni mal-industrijalisti Għawdxin, se nniedu skema għal Għawdex mil-Fondi tal-ERDF. Minbarra li se tgħin lill-industrija, din l-iskema se tikkonribwixxi għall-proġett Eko-Għawdex.  Din barra l-iskema tal-*High Energy Users* f'Għawdex li ħabbart aktar kmieni f'dan id-Diskors.

**Is-Settur tas-Servizzi Finanzjarji**

Is-servizzi finanzjarji huma kontributur importanti għat-tkabbir tal-ġid f'pajjiżna u ħolqien ta' impjiegi tajbin. Huwa stmat li f'pajjiżna, dan is-settur iħaddem aktar minn 12,000 persuna, direttament jew ma' kumpaniji li b'xi mod jaħdmu f'kuntatt ma' dan is-setttur. Wieħed mill-elementi li jibqa' jagħmel minn Malta ġurisdizzjoni attraenti fil-qasam finanzjarju huwa li dejjem nirrispondu għall-bidliet fis-swieq internazzjonali b'mod kważi immedjat. Iżda ma nistgħux niefqu hawn.

Kien għalhekk li fil-ġimgħat li għaddew waqqaft *Think Tank* bl-għan li jirrakkomanda l-passi li jmiss biex nibnu fuq dawn ir-riżultati. B'kollox, tressqu aktar minn 150 rakkomandazzjoni, li jaqgħu taħt żewġ pilastri strateġiċi:

1. Li nistabbilixxu suq internazzjonali għall-pensjonijiet u skemi ta' rtirar f'Malta; u
2. Li nsaħħu r-rwol ta' FinanceMalta bħala l-għodda li tibqa' tixpruna l-proċess ta' espansjoni tas-settur tas-servizzi finanzjarji fil-futur.

Fl-Att li jimplimenta l-Baġit, se nkun qed inressaq numru ta' bidliet leġislattivi li jimplimentaw uħud mir-rakkomandazzjonijiet li saru minn dan it-*Think Tank*, biex niżguraw li s-settur finanzjajru jibqa' irrispondi għall-ħtiġijiet tas-suq filwaqt li nibqgħu nassiguraw qafas regolatorju b'saħħtu li jsaħħaħ ir-reputazzjoni ta' pajjiżna f'dan il-qasam.

## 3.2 Is-settur tat-Turiżmu

Mr. Speaker,

Is-settur tat-turiżmu huwa pilastru ewlenin tal-ekonomija tagħna. Il-Gvern, b'dan il-Baġit, se jkompli jżid l-investiment tiegħu f'dan is-settur, u qed jgħolli għal darb'oħra l-allokazzjoni għall-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għal-37 miljun ewro. Irrid infakkar, Mr. Speaker, li f'din il-leġislatura, il-Gvern żied l-allokazzjoni annwali bi 12.5 miljun ewro fuq dik allokata fl-2008 meta kienet ta' 24.5 miljun ewro.

Is-suċċess li rreġistra pajjiżna f'dan is-settur fl-aħħar ħames snin ma ġiex b'kumbinazzjoni.

Fl-aħħar ħames snin, pajjiżna kellu rekord fit-turizmu sena wara l-oħra. Żdiedu n-numru ta' turisti li jżuru pajjiżna bi 13 fil-mija. Żdiedu l-ammont ta' ljieli li dawn iqattgħu fostna. Żdied ukoll l-infieq tat-turisti f'pajjiżna.

Issa rridu nikkonsolidaw u ntejbu dawn ir-riżultati. F'April li għadda ħrigna pjan strateġiku u viżjonarju għas-settur bil-għan li nikkonsolidaw u ntejbu ir-riżultati miksuba.

Iż-żieda qawwija li kellna fis-settur turistiku kienet possibbli għaliex indirizzajna t-tliet pilastri li fuqhom bnejna l-industrja: l-aċċessibbiltà, il-promozzjoni ta' pajjiżna bħala destinazzjoni turistika, u l-prodott turistiku.

L-2011 kienet ukoll waħda rekord għan-numru ta' passiġġieri li żaru pajjiżna abbord *cruise liners*. Għall-ewwel darba beda jsir *home porting* minn Malta u ntlaħaq ftehim sabiex dan ikompli fis-sajf tal-2012 u l-2013.

Il-Gvern qed jaħdem biex inkomplu nattiraw aktar turisti lejn pajjiżna fix-xhur tax-xitwa. Se nkomplu nħarsu lejn swieq partikolari u ġodda għal Malta, fosthom fit-turiżmu soċjali, sportiv u dak rurali. Irridu nippreżentaw ukoll lil Malta bħala *city break destination*.

Din is-sena nedejna wkoll *Diving Master Plan* b'inizjattivi għat-tisħiħ tas-settur tal-għaddasa, li huwa niċċa importanti għal pajjiżna.

Se nkomplu ninvestu biex inkabbru s-suq tal-konferenzi, u biex nattiraw aktar studenti li jitgħallmu l-Ingliż.

Fuq kollox, se nkomplu ninvestu fil-ħaddiema tagħna li jaħdmu f'dan is-settur. Il-Programm *ADVANCE* huwa stmat li se jkun ħarreġ madwar 1,400 persuna li jaħdmu fis-settur tat-turiżmu b'investiment ta' 3.1 miljun ewro.

**L-aċċessibbiltà lejn pajjiżna**

Mr. Speaker,

Il-Gvern se jkompli jassigura li pajjiżna jkollu l-aqwa konnessjonijiet diretti bl-ajru ma' swieq importanti li jsostnu din l-industrija. Daħħalna rotot ġodda u żidna l-inċentivi għall-aċċessibbiltà lejn u minn pajjiżna. Qegħdin nifthu rotot ġodda u swieq ġodda, fosthom fi Spanja, l-Irlanda u l-Iżrael. Kabbarna s-swieq tagħna fl-Italja u fi Franza, u kkonsolidajna s-swieq tar-Renju Unit u l-Ġermanja. Irridu li jkollna taħlita b'saħħitha ta' tipi differenti ta' linji ta' l-ajru, inkluż linji nazzjonali, linji *low cost*, u linji *charters* u operati mit-*tour operators*.

Se nkomplu insostnu il-linja nazzjonali tagħna l-Airmalta li, fl-ewwel sitt xhur ta' din s-sena finanzjarja, irnexxielha tagħmel qliegħ operattiv. Biex ikun jista' jitwettaq b'suċċess il-pjan ta'

ristrutturar tal-Airmalta, il-Baġit ta' din is-sena se jinvesti 40 miljun ewro fil-linja nazzjonali tagħna, skont il-programm maqbul mal-Kummissjoni Ewropea.

Turist llum m'għadux ifittex biss li jirrilassa, iżda qiegħed dejjem aktar ifittex esperjenza unika ġo pajjiż. Ghalhekk qed ninvestu fis-siti storiċi ta' pajjiżna biex dawn jingħataw id-dinjità li tixirqilhom billi jiġu trasformati fi spazji li jipproġettaw l-istorja anke permezz ta' faċilitajiet u teknoloġiji moderni.

Sabiex ingawdu aħjar it-teżori ta' pajjiżna f'dawn l-aħħar snin wettaqna diversi proġetti.

Inawgurajna l-proġett taċ-Ċentru tal-Viżitaturi u t-tined protettivi ta' Ħaġar Qim, u se ninawguraw is-sezzjoni ġdida fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija li tiffoka fuq Żmien il-Bronż f'pajjiżna. Bnejna Ċentru għall-viżitaturi fit-tempju tal-Ġgantija, u bnejna *walkway* fl-istess tempju sabiex tgħin fl-esperjenza tal-viżitatur. Introduċejna *nature trails* fil-*park* arkeoloġiku u naturali ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra. Għamilna tinda protettiva u passaġġi fit-tempji ta' Ħal Tarxien, u bnejna Ċentru għall-Viżitaturi fil-Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat.

Barra minnhekk, il-Gvern applika għall-fondi taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex Forti Sant'Anġlu jiġi restawrat. Din l-attrazzjoni se tinfetah għall-pubbliku fl-2015 u għandha tirrifletti fil-milja tagħha l-ġojjelli storiċi li ġew mgħoddija lilna minn missierjietna tul il-medda tas-snin. Għaddej ukoll xogħol ta' rijabilitazzjoni fuq il-Forti ta' Sant'Iermu fil-Belt Valletta b'investiment ta' 17-il miljun ewro u li għandu jitlesta fl-2014.

Komplejna wkoll bix-xogħolijiet ta' tisbiħ f'diversi nħawi madwar Malta u Għawdex. Tlesta l-proġett ta' tisbiħ tal-

*promenade* ta' San Pawl il-Baħar. Infetaħ il-Ġnien ta' Pembroke, u qed jiġi ffinalizzat ir-restawr tat-Torri tal-Madliena. Fil-bidu tas-sena d-dieħla se jitlesta l-Akwarju Pubbliku ġewwa l-Qawra, b'investiment ta' 15.4 miljun ewro. Is-sena d-dieħla wkoll mistenni jibda x-xogħol fuq il-Bajja tax-Xemxija.

Ix-xogħolijiet fuq iċ-Ċentru Interattiv dwar il-Fortifikazzjonijiet fi *Biaggio Steps* tlestew, u dawk fuq il-proġett tal-Ġgantija se jitkomplew.

Minbarra dawn il-proġetti kapitali, il-Gvern nieda diversi skemi biex jinċentiva investiment ta' proġetti għal turiżmu sostenibbli. Diġà ġew finanzjati 'l fuq minn 100 proġett b'investiment ta' 20 miljun ewro. L-iskema ta' sussidji fuq ir-rata tal-imgħax għas-self qed tgħin lukandi, akkommodazzjonijiet turistiċi, u ristoranti, biex itejbu l-prodott tagħhom. S'issa ntalab self ta' 13.9 miljun ewro, li fuqhom qed jinħareġ sussidju ta' aktar minn 1.1 miljun ewro.

Permezz tal-*Malta Enterprise Energy Grant Scheme*, kien hemm 39 proġett turistiku li ngħataw għajnuna ta' aktar minn żewg miljun ewro. Il-Kunsilli Lokali wkoll ngħataw għajnuna ta' żewġ miljun ewro biex iwettqu proġetti ta' tisbiħ fil-lokalità tagħhom, speċjalment fil-qalba tal-lokalità.

**Aktar inizjattivi favur il-lukandi u l-akkomodazzjoni turistika**

Fil-Baġit għal din is-sena se nerġgħu nallokaw nofs miljun ewro għar-reklamar ta' Għawdex bħala destinazzjoni distinta.

Il-Gvern kommess li jieħu numru ta' inizjattivi biex jgħin l-akkomodazzjonijiet ta' tlett stilel jadattaw għall-iżviluppi fis-suq. Ninsabu determinati wkoll biex intejbu s-servizz turistiku mill-akkomodazzjoni ta' erba' stilel. Irridu ninkoraġġixxi aktar

ristoranti li joffru ikel Malti u li jippromwovu l-prodotti ta' l-ikel Malti. Se nkunu wkoll qed nappoġġjaw inizjattivi li jirrinovaw bini li qed jaqa' u li qiegħed fl-irħula u fl-ibliet għall-użu turistiku.

Il-Malta Enterprise se tirrevedi l-*Incentive Guidelines* biex lukandi liċenzjati jkunu jistgħu jibbenefikaw minn *investment aid* ta' 15 fil-mija ta' l-sipiża kapitali tagħhom f'forma ta' *tax credits*. Għaldaqstant, għal kull 100 ewro investiment se jkunu jistgħu jnaqqsu €15 mill-kont tat-taxxa, u ma hemm l-ebda capping fuq dan l-amont. Dan għandu jagħti appoġġ dirett lil-lukandi f'pajjiżna fl-isforz li nagħmlu din l-industrija aktar sostenibbli fit-tul. Dan il-beneffiċċju se jkun japplika mis-sena bażi 2013.

Barra minnhekk, ser iniedi skema ta' inċentivi biex jiżdied l-għadd ta' *boutique hotels* fil-Belt Valletta, l-Imdina u t-Tlett Ibliet. L-inċentivi li qed jiġu proposti jinkludu tnaqqis ta' taxxa fuq investimenti relatati ma' spejjeż għax-xiri u l-iżvilupp ta' siti bħal dawn, kif ukoll tnaqqis fil-miżati relatati ma' permessi, b'mod partikolari tal-MEPA u tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

**Għawdex bħala Destinazzjoni Distinta**

Il-Gvern jagħraf l-importanza tat-turiżmu għal Għawdex. Għawdex għandu potenzjal partikolari għat-turiżmu rurali u dan irridu nkomplu ninvestu fih. Se nippromwovu lil Għawdex mal-persuni li jivvjaġġaw partikolarment fix-xhur tax-xitwa. Għalhekk se naħdmu biex l-irħula u l-ibliet f'Għawdex, kif ukoll l-attrazzjonijiet naturali, kulturali u storici t'Ghawdex ikunu preżentati bl-aktar mod xieraq. Se nkomplu nħeġġu wkoll it-turiżmu domestiku lejn Għawdex.

Qed inneħħu anomalija fil-liċenzjar ta' proprjetà li jinkrew għal żmien qasir. S'issa kienet teżisti diskriminazzjoni fl-ammont li

jitħallas, liema diskriminazzjoni kienet ibbażata fuq jekk l-appartament hux qed jinkera lill-Maltin jew lill-barranin. Din id-distinzjoni mhux se tibqa'. Fassalana rati, wara konsultazzjoni li kellna ma' operaturi Għawdxin li jikru proprjetà lill-Maltin. B'hekk ġie assigurat li r-rati il-ġodda ma jkunux ta' piż żejjed għal dawn l-operaturi. Il-Gvern se jdaħħal kwart ta miljun ewro anqas minn dan il-liċenzjar, liema flus issa jistgħu jiġu investiti mill-operaturi fil-proprjetajiet tagħhom.

**Kultura**

Mr. Speaker,

Il-Gvern se jkompli għaddej bl-investimenti kulturali li saru fl-aħħar snin, fejn rajna żieda sostanzjali fin-nefqa f'dan is-settur minn 17.5-il miljun ewro fl-2008 għal 'il fuq minn 28.5 miljun ewro fis-sena 2012.

Bejn l-2009 u Mejju ta' din is-sena, aktar minn 220 proġett artistiku ġew sostnuti permezz ta' kważi miljun ewro tal-Malta Arts Fund.

Matul dawn is-sentejn ukoll investejna f'aktar minn 100 proġett kreattiv taħt skemi li jammontaw għal tlett kwarti ta' miljun ewro, u li joffru opportunitajiet lil tfal, żgħażagħ, u intrapriżi u organizzazzjonijiet kulturali, biex insaħħu u nisfruttaw l-opportunitajiet li qed jinħolqu f'dan is-settur.

Matul is-sena li ġejja se nkomplu naħdmu fuq netwerk ta' edukaturi biex nisfruttaw aħjar l-investiment fil-produzzjoni ta' attivitajiet u opportunitajiet kulturali u kreattivi għall-udjenzi żgħażagħ. Inizjattiva li tibni fuq it-tnedija tal-*Culture Card*.

Il-Gvern se jibda l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-Istrateġija dwar il-Kreattività, b'enfasi fuq it-titjib u t-tisħiħ tal-governanza

kulturali. Din għandha twassal għall-implimentazzjoni ta' taqsima sħiħa fil-qalba tal-politika kulturali nazzjonali, b'rabta mal-prijoritajiet identifikati fil-Viżjoni tal-Gvern li jitrasforma lil Malta f'ċentru ta' eċċellenza kreattiva. It-tisħiħ tal-qafas governattiv li jamministra 'l fuq minn 17-il miljun ewro f'fondi pubbliċi lejn entitajiet jew skemi ta' investiment fis-settur huwa essenzjali biex nibnu settur kulturali u kreattiv sostenibbli u relevanti fil-kuntest tar-realtajiet soċjali, ekonomiċi u kulturali tal-lum.

Mr. Speaker,

Se naħdmu wkoll biex il-wirt kulturali ta' pajjiżna jkun preżentat permezz ta' programm kulturali estensiv għas-sena 2018 meta Malta se tospita t-titolu prestiġjuż ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura. Nemmnu li din se tkun  opportunità unika biex nesperjenzaw mill-viċin u b'mod ħaj il-kultura storika u kontemporanja mill-aspett innovattiv u kreattiv, u biex nattiraw aktar turiżmu kulturali.

Il-Gvern iqis li hemm rabta intima bejn il-prijoritajiet tal-Politka Kulturali, l-Istrateġija tal-Ekonomija tal-Kreattività, u l-ambizzjonijiet ta' Valletta 2018, u għalhekk se jiżgura sa mis-sena d-dieħla, li jkun hemm involviment massimu tal-pubbliku u tal-għaqdiet u organizzazzjonijiet kulturali kollha fil-benefiċċji ta' dan il-proġett.

## 3.3 Settur tal-Avjazzjoni

Mr. Speaker,

Fil-qasam tal-Avjazzjoni, il-Gvern ħoloq l-infrastruttura neċessarja permezz tal-Aviation Park ġewwa Ħal Safi, b'investiment ta' 17-il miljun ewro. Illum diġà għandna numru

ta' kumpaniji li qed joperaw b'suċċess fis-settur tat-tiswija tal-ajruplani. Lufthansa Technic, SR Technic, Medavia, MCM, u oħrajn ħolqu eluf ta' postijiet tax-xogħol ġodda u kabbru l-operazzjonijiet tagħhom f'dawn l-erba' snin.

Is-sit tal-Head Office tal-AirMalta llum għadda għand il-Malta Industrial Parks u ser ikun trasformat f'żona dedikata għas-settur tal-avjazzjoni. L-iżvilupp mistenni li jsir permezz ta' *public private partnership* u għadu jinkorpora fih faċilitajiet għal logistika, taħriġ, u spazji oħra relatati ma' dan is-settur.

Bit-twaqqif tar-reġistru tal-avjazzjoni, pajjiżna qed igawdi minn rispett u fama internazzjonali f'dak li jirrigwardja s-settur tal-avjazzjoni.

Illum, għandna 104 ajruplan reġistrat fuq ir-Reġistru Malti ta' l-Avjazzjoni, li jfisser żieda ta' 21 fil-mija fuq l-2010. Dan hu riżultat ta' kemm il-politika tal-Gvern f'dan il-qasam qed taħdem, u kemm l-inċentivi għal dan is-settur qed iħallu l-frott. Hemm interess ukoll biex dawn il-kumpaniji jistabilixxu l-operat tagħhom f'Malta. Fil-preżent, Transport Malta qegħda f'kuntatt ma' 30 kumpanija, b'sitta minnhom f'livell ta' diskussjonijiet avvanzati. Illum għandna tmien kumpaniji li qed iħaddmu l-attività tagħhom minn Malta. Dan minbarra li għandna wkoll skejjel ta' l-avjazzjoni.

## 3.4 Settur Marittimu

L-istess jista' jingħad għas-settur marittimu. Ir-Reġistru Marittimu Malti issa huwa dikkjarat bħala l-akbar wieħed fl-Ewropa. Ir-reġistru Malti jikkonsisti f'5,830 vapur u *superyachts*. Żieda ta' 16 fil-mija fuq is-sena l-oħra. Din l-operazzjoni waħedha tiġġenera 12-il miljun ewro.

Dan ukoll huwa settur li, fl-istrateġija tal-Gvern għas-snin li ġejjin jista' joffri potenzjal qawwi ta' tkabbir ekonomiku. Il-Gvern qed iħares lejn is-sit tal-*ex-shipbuilding* fil-Marsa biex jakkomoda Park Marittimu. Id-disinji għal dan is-sit, b'daqs ta' 172,000m$^2$, għandhom jitlestew is-sena d-dieħla, biex imbagħad jintalbu l-permessi għall-iżvilupp mill-MEPA.

## 3.5 Settur tal-Proprjetà

Is-settur tal-proprjetà jibqa' wieħed li jagħti kontribut importanti lill-ekonomija Maltija. Il-Gvern, matul din s-sena, nieda numru ta' skemi u inizjativi biex jassistu dan is-settur.

Fost dawn l-iskemi kellna dawk bħall-*Highly Qualified Individuals* u l-*High Networth Individuals* li, flimkien mas-setturi ekonomici tas-servizzi finanzjarji, partikolarment il-*Funds*, u s-settur tal-*Online Gaming*, qed jikkontribwixxu fid-domanda dejjem akbar ta' proprjetà residenzjali u uffiċini ta' kwalità minn dawn il-barranin li qed jagħżlu biex jew joqgħodu jew jinvestu f'pajjiżna. Sal-aħħar ta' Ottubru kellna 'l fuq minn 690 proprjetà li nbiegħet lill-barranin b'valur ta' 105 miljun ewro.

Madanakollu, minħabba l-kundizzjonijiet fis-suq tal-proprjetà, partikolarment il-fatt li l-prezzijiet ta' ċertu proprjetajiet issa stabbilizzaw irwieħhom, il-Gvern iħoss li l-għażla preżenti ta' seba' snin jekk wieħed iħallas fuq il-qliegħ mil-bejgħ jew 12 fil-mija *final witholding tax* mal-bejgħ, għandha tiġi estiża għal 12-il sena mis-sena ta' stima 2013.

Se nagħmlu ukoll riforma amministrativa importanti dwar is-sistema tal-valutazzjoni tal-periti li l-Gvern iħoss li wasal iż-żmien li tiġi aġġornata:

1. Fil-kaz ta' koppji jew persuni li qed jixtru d-dar residenzjali tagħhom, u qed jieħdu self mill-bank, se jkunu jistgħu jannettu l-valutazzjoni tal-perit imqabbad mill-bank bħala konferma tal-prezz tas-suq;

2. F'każ ta' proprjetajiet li, l-valur tagħhom jaqbeż il-250,000 ewro, se nibdew proċess bi prova fejn, qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, fl-istadju li jsir il-konvenju, ix-xerrej u l-bejjiegħ ikunu jistgħu jitolbu lid-Dipartment jibgħat il-perit tiegħu qabel biex joħroġ l-istima tal-prezz li fuqu ikun irid jitħallas il-boll. Din il-valutazzjoni se tibqa' valida biss sitt xhur mid-data li tinħareġ;

Mill-1 ta' Jannar 2013, qed titneħħa it-taxxa tal-boll fuq it-trasferiment ta' proprjetà fuq il-wirt u donazzjonijiet minn ġenituri għall-ulied tagħhom. Il-limitu ta' 10 snin fuq tfal bi bżonnijiet speċjali qed jitneħħa wkoll.

Se ngħollu ukoll is-*ceiling* li fuqu l-*first time buyers* inħallsu 3.5 fil-mija fuq il-boll minn 116,468.67 ewro għal 150,000 ewro.

## 3.6 Inkomplu nixprunaw lill-Ħaddiema Tagħna fid-Dinja tax-Xogħol

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern dejjem ħadem biex joħloq l-opportunitajiet tax-xogħol għall-ħaddiema tagħna. Il-ħaddiem Malti huwa bieżel u jrid jaħdem. Irid aktar xogħol b'pagi tajbin, li jagħti dinjità u li jrendi biex il-familja tiegħu tkun tista' tgħix ħajja xierqa u li jistħoqqilha.

Investejna wkoll fil-persuni nfushom, fl-istudenti u fil-ħaddiema, biex dawn ikollhom l-edukazzjoni u l-ħiliet neċessarji biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol, u b'hekk jaqsmu mill-ġid li qed jinħoloq fil-

pajjiż. Qatt ma kellna daqshekk żgħażagħ li qed ikomplu bl-edukazzjoni tagħhom, u li qed ikomplu jitħarrġu wara t-tmiem tal-edukazzjoni sekondarja.

Iżda l-Gvern mhux kuntent b'daqshekk, Mr. Speaker. Il-Gvern irid li kulħadd isib postu fid-dinja tax-xogħol skont l-inklinazzjonijiet u l-ħiliet tiegħu. Fuq kollox, il-Gvern irid ikompli jgħin lid-diversi gruppi ta' persuni fis-soċjetà tagħna li, għal xi raġuni jew oħra, ikollhom bżonn l-għajnuna biex jintegraw ruħhom aħjar jew ikomplu jtejbu l-prospetti tagħhom fid-dinja tax-xogħol. Għal dan il-għan, anke permezz ta' dan il-Baġit, qed nipproponu numru ta' inizjattivi ġodda.

Irridu li ż-żgħażagħ kollha jgawdu mill-opportunitajiet li qed jinħolqu. Għalhekk:

- Għalkemm għandna fost lanqas rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, se nniedu skema *Active* li se tiffoka fuq dawk iż-żgħażagħ kollha li huma qegħda u li qed jirreġistraw għax-xogħol. Wara li ż-żgħażagħ jingħataw t-taħriġ meħtieġ, dawn se jingħataw esperjenza ta' xogħol ta' 20 siegħa f'settur indikat fil-profil tal-istess żgħażagħ. Dawn iż-żgħażagħ se jingħataw ukoll benefiċċju pro-rata;

- Se nniedu skema oħra li se tkun immirata għal dawk iż-żgħażagħ li qed jirreġistraw, u għal oħrajn. Din għandha sservi ta' inċentiv biex iż-żgħażagħ jidħlu fi proġett imprenditorjali. L-applikant se jkollu għażla biex jiftaħ impjieg għal rasu jew jingħaqad f'koperattiva. Kull parteċipant se jingħata taħriġ bażiku u *mentoring*, kemm waqt il-proċess kif ukoll wara. Għaldaqstant din l-iskema se tkun qed toffri, taħriġ, *start-up grant*, u servizzi ta' *mentoring*. Dawk li jħaddmu magħhom sa tliet persuni se jingħataw tnaqqis fil-bolla; u

- Se ntejbu l-iskema li tiffoka fuq programm innovattiv tal-apprendistat, u li se tagħti inċentivi finanzjarji lil min iħaddem u lill-istudenti. Filwaqt li se nestendu l-iskema tal-apprendistat, u se nifthuha għal aktar setturi, il-Gvern se jkun qed iħallas il-bolla minnflok min jimpjega. Dan minbarra li se nżidu l-istipendju tal-apprendisti minn €86 għal €95 u, għal ċerti setturi fejn il-Gvern flimkien mal-industrija jħoss li jkun hemm bżonn ta' aktar investiment, se nżidu l-istipendju b'€20 oħra minn fuq iż-żieda mħabbra.

Għal dawn it-tliet programmi se ninvestu 1.5 miljun ewro.

Wara li s-sena l-oħra introduċejna skema li, permezz tagħha, dawk fuq il-paga minima u li jagħmlu taħriġ jieħdu €25 fil-ġimgħa, issa se nestendu din l-iskema biex nilħqu aktar faxex ta' nies, fosthom ħaddiema fuq bażi *part time* jew *full time* b'paga ta' anqas minn 300 ewro fil-ġimgħa. Għal dan il-għan se nkunu qed ninvestu 300,000 ewro. Din l-allowance se tibda titħallas fix-xahar minflok meta wieħed jispiċċa l-programm.

Il-programm *Youth.Inc*, li huwa mmirat għal żgħażagħ bejn is-16 u l-21 sena li, meta jkunu fis-sistema edukattiva jew f'post tax-xogħol, jerġgħu jingħataw ċans ieħor b'taħriġ speċjalizzat. Dan il-Programm se ikun estiż sa l-eta ta' 24 sena biex jilħaq aktar żgħażagħ. Dan il-Programm joħloq sistema edukattiva li toffri taħriġ bażiku u esperjenza fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, se nsaħħu t-tim professjonali u se nżidu livell ieħor biex żgħażagħ li jaslu fit-tielet livell jingħataw aktar esperjenza prattika ta' xogħol. Dan ifisser ukoll li studenti li jaslu sat-tieni livell f'istituzzjoni oħra se jkunu jistgħu jkomplu l-istudju tagħhom fit-tielet livell ta' dan il-Programm. Dan b'investiment ta' 600,000 ewro fuq is-sena ta' qabel.

Il-Programm *Job Bridge* se jagħti taħriġ speċjalizzat għal persuni b'diżabilità bil-għan li dawn il-persuni jibnu l-kompetenzi u l-ħiliet neċessarji biex jadattaw għas-suq tax-xogħol. Dan il-Programm se jkollu professjonisti mħarrġa biex jgħinu lil persuni b'diżabilità fil-mixja tagħhom mit-transizzjoni tal-iskola għas-settur tax-xogħol. Il-post identifikat f'Pembroke se jkun mgħammar b'apparat modernizzat li se jiffaċilità dan it-tagħlim. Fuq medda ta' sentejn dan il-proġett se jfisser investiment ta' 'l fuq minn nofs miljun ewro.

**Nisa u d-Dinja tax-Xogħol**

Mr. Speaker,

Pajjiżna għaddej minn trasformazzjoni ekonomika u soċjali importanti, hekk kif aktar koppji qed jagħżlu li jaħdmu t-tnejn. Il-Gvern, tul din il-leġislatura, nieda sensiela ta' inizjattivi mmirati biex jgħin lill-familji Maltin isibu bilanċ aħjar bejn il-ħtiġijiet tal-familja u x-xogħol.

Illum il-Gvern għandu 10 *childcare centre* madwar Malta u Għawdex. Bħalissa qed jinbnew erba' oħra: fin-Naxxar, San Ġwann, il-Gżira u fiż-Żurrieq. Dan minbarra li l-Gvern jissussidja tliet ċentri oħra fl-iskejjel tiegħu u li huma mmexxija mill-privat, iċ-Ċentri l-oħra fl-MCAST, fl-Università, u l-ETC. Qed jinbnew numru ta' *childcare centres* oħra f'żoni industrijali.

Ġenituri li jibgħatu 'l uliedhom f'*child care centre* jnaqqsu sa 1,300 ewro mid-dħul taxxabbli tagħhom. Kważi 2,400 ġenitur qed igawdu minn dan it-tnaqqis.

Dan minbarra li dawk in-nisa li jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol wara nuqqas ta' ħames snin jew li jkollhom tarbija, qed

jibbenefikaw minn sena bla taxxa. Medja ta’ 2,800 omm fis-sena qed jidħlu lura għax-xogħol u jiffrankaw sena taxxa.

Wara li din is-sena żidna l-*maternity leave* minn 14 għal 16-il ġimgħa, is-sena d-dieħla din se tiżdied għal 18-il ġimgha.

**Innaqqsu il-Piż tat-Taxxa biex Inkomplu Ninċentivaw ix-Xogħol**

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern, konsistentement, naqqas il-piż tat-taxxa minn fuq id-dħul, għax jemmen li t-taxxa fuq ix-xogħol toħnoq l-impriża u lil min irid jaħdem f'pajjiżna.

F'din il-leġislatura biss, naqqasna l-*income tax* għal kulħadd, u biha, wara r-riforma li għamilna fuq tlett snin, ħallejna 152 miljun ewro fis-sena fil-bwiet tal-Maltin.

Introduċejna il-Komputazzjoni Ġenitur, li biha naqqasna t-taxxa lill-familji li jaħdmu bit-tfal. Din il-miżura laqtet b'mod pożittiv madwar 55,000 ġenitur u li, bejniethom, gawdew mal-10 miljun ewro oħra.

Naqqasna 17-il taxxa f'din il-leġislatura, u f'dan il-Baġit se nwettqu miżuri oħra importanti.

Tajna l-iskema ta' tnaqqis ta' taxxa għan-negozji ż-żgħar, sa 25,000 ewro b’l-iskema *MicroInvest*, u li f’dan il-Baġit qed nestendu.

Tajna sena bla taxxa lill-ommijiet li qegħdin jew li jerġgħu lura lejn fid-dinja tax-xogħol għal kull wild, tnaqqis ta' taxxa fil-miżati għall-iskejjel privati, għal kura tal-anzjani, *child care*, sport u kultura.

Neħħejna l-liċenzja tat-televiżjoni, d-*departure tax,* u t-taxxa fuq il-*credit card*, fost l-oħrajn.

Minħabba l-kriżi ekonomika, il-Gvern kien għażel li jintroduċi miżuri oħra ta' tnaqqis ta' taxxa li ma kinux imwegħda fil-Programm Elettorali, bħall-iskema tal-*MicroInvest* u l-komputazzjoni ġenitur. Dan għaliex il-Gvern ried jagħti inċentiv akbar lil min kien se jinvesti u jħaddem in-nies, filwaqt li napoġġjaw aktar lill-familji bit-tfal.

Iżda miżura importanti li l-Gvern kien ippropona għal din il-leġiżlatura kienet dik li nnaqsu r-rata massima tat-taxxa tad-dħul minn 35 fil-mija għal 25 fil-mija, sa dħul massimu ta' 60,000 ewro.

Il-Gvern, f'dan il-Baġit se jkun qed jibda iwettaq ukoll din il-wegħda elettorali mat-tnaqqis kollu fit-taxxa li diġà wettaqna fl-aħħar erba' snin. Iżda, dan b'mod li jassigura li l-miri finanzjarji tal-Gvern mhux biss ma jiġux preġudikati, iżda li l-impatt pożittiv li għandha din il-miżura tgħin f'attività ekonomika akbar. Dan billi tali miżura mhux biss tolqot id-dħul ta' persuni li huma bil-paga, iżda tolqot ukoll lin-negozji żgħar ta' pajjiżna li se jħallsu anqas taxxa.

Għaldaqstant, fit-tlett snin li ġejjin, il-Gvern se jwessa' t-*tax bands* tal-komputazzjoni Singoli, Konġunti, u Ġentitur, biex id-dħul, sa massimu ta' 60,000 ewro jiġi ntaxxat kif ġej:

- Sena Bażi 2013 tinżel għal-32 fil-mija
- Sena Bażi 2014 terġa' tinżel għal 29 fil-mija
- Sena Bażi 2015 tinżel għar-rata ta' 25 fil-mija.

Tabella 3.1 turi dettal tal-*bands* għal kull tip ta' komputazzjoni tat-taxxa.

**Tabella 3.1 Tax Bands għal kull tip ta' komputazzjoni**

| | **Komputazzjoni Singola** | **Komputtazzjoni Konġunta** | **Komputazzjoni Ġenitur** |
|---|---|---|---|
| 0% | 0 - 8500 | 0 - 11,900 | 0 - 9,300 |
| 15% | 8,501 - 14,500 | 11,901 - 21,200 | 9,301 - 15,800 |
| 25% | 14,501 - 19500 | 21,201 - 28,700 | 15,801 - 21,200 |
| 32% (2013)<br>29% (2014)<br>25% (2015) | 19,501 - 60,000 | 28,701 - 60,000 | 21,201 - 60,000 |
| 35% | 60,001 | 60,001 | 60,001 |

Dan se jfisser li, kull min id-dħul tiegħu kien imiss il-35 fil-mija sa massimu ta' 60,000 ewro, se jiffranka ta' 500 ewro fl-2013, 1,000 ewro fl-2014, u 1,500 ewro fl-2015, jekk jaqla' madwar 45,000 ewro. Jekk jaqla' 60,000 ewro jew aktar, se jiffranka 1,200 ewro fl-2013, 2,400 ewro fl-2014, u 3,600 ewro fl-2015.

### *Children's Allowance*

Madanakollu, għaliex il-Gvern jemmen li għandu jagħti appoġġ dirett lill-familji bit-tfal li ma jgawdux minn din il-miżura, għal darb'oħra, se nerġgħu ngħollu ċ-children's allowance minima minn 350 għal 450 ewro għal kull wild. Minn din il-miżura se

jgawdu 'l fuq minn 29,000 tifel u tifla u 20,400 familja. Se nżidu wkoll ir-rata taċ-*children's allowance* għal dawk il-familji li jgħixu bil-paga minima biex nassiguraw li dawn il-familji jieħdu l-ogħla rata ta' dan il-benefiċċju, dik ta' 1155.90 ewro fis-sena għal kull wild – żieda ta' 177 ewro fis-sena għal kull wild fuq dak li qed jieħdu llum. Dan għax rridu nassiguraw li tingħata l-għajnuna kollha possibbli lill-familji bit-tfal li jiddependu fuq il-paga minima. Minn din il-miżura huwa stmat li se jibbenifikaw mal-1,680 tifel u tifla u 1,110 familji.

**Inkomplu Niġġieldu l-Evażjoni**

Huwa importanti ħafna li kulħadd iħallas dak li huwa dovut minnu f'taxxa. Il-flus li ndaħħlu mit-taxxi jintefqu fl-edukazzjoni, f'għajnuna lill-familji tagħna, u f'investimenti biex noħolqu x-xogħol fil-pajjiż. F'din il-leġiżlatura emendajna l-liġijiet tad-Dwana, tal-*Income Tax*, u tal-VAT biex saħħaħna l-liġijiet tal-pajjiż. Ħarraxna l-ġlieda kontra l-abbuż u l-evażjoni tat-taxxa. Se nkomplu niġġieldu l-evażjoni tat-taxxa u l-abbuż għaliex hekk titlob il-ġustizzja soċjali. Hekk hemm bżonn biex pajjiżna jibqa' miexi 'l quddiem.

# 4. Infrastruttura, Proġetti u Ambjent

Mr. Speaker,

Il-kwalità tal-ħajja tal-familji Maltin u Għawdxin hija wkoll direttament marbuta mal-livell ta' infrastruttura u ambjent li għandna f'pajjiżna. L-investiment f'ambjent aħjar u f'enerġija aktar nadifa jfisser kwalità tas-saħħa aħjar għal kulħadd.

## 4.1 Enerġija

Investejna f'estensjoni għall-*power station* ta' Delimara. Se tkun qed tilħaq l-aqwa *standards* ambjentali Ewropej. Dan huwa investiment kbir favur kwalità ta' arja aħjar. B'din l-estensjoni u bl-*interconnector* ma' Sqallija, tkun tista' tingħalaq darba għal dejjem il-*power station* tal-Marsa. Dan qed nagħmluh għaliex il-familji Maltin u Għawdxin jixraqilhom l-aħjar ambjent għal saħħithom.

Kif ħabbart is-sena li għaddiet, il-Gvern għaddej f'negozjati mal-Unjoni Ewropea biex fil-Programm 2014-2020 ikun hemm finanzjament sostanzjali biex inkunu nistgħu ningħaqdu mal-*pipeline* tal-gass ewropew. Il-Gvern qed jinnegozja mal-Unjoni Ewropea fuq il-finanzjament ta' dan il-proġett, li mingħajr tali Fondi jkunu għola u mhux orħos. Dan il-proġett se jippermettilna wkoll li ninvestu f'sistema li twassal il-gass fid-djar tagħna.

Dan qed nagħmluh għaliex se nibqgħu kommessi li ma ngħollux it-tariffi tad-dawl u ilma, anke jekk il-prezz taż-żejt jinsab f'livelli għoljin u l-Enemalta qed taffaċċja diffikultajiet biex tagħmel tajjeb għad-differenzi minn dawk li fuqhom maħdumin it-tariffi. Kien għalhekk li ħadna deċiżjoni din is-sena li l-Gvern jerfa' l-piż

tal-eko riduzzjoni u anke tal-*feed in tariffs*, u b'hekk fil-Baġit għall-2013 qed nallokaw is-somma ta' 25 miljun ewro biex jagħmlu tajjeb għal dan.

Il-Gvern qed jaħdem ukoll biex permezz ta' aktar enerġija nadifa ngawdu minn arja aktar nadifa u livell ta' saħħa aħjar.

F'dak li jirrigwardja l-enerġija mix-xemx, qed naraw li se nilħqu l-miri għas-sena 2012. Permezz tal-iskemi li daħħalna mill-2006 'l hawn, aktar minn 6,200 familja nvestew f'sistema ta' panelli fotovoltajiċi. Fl-istess perjodu kien hemm ukoll 8,300 familja li nstallaw *solar water heater* jew aperturi *double glazing*.

Matul is-sena d-dieħla se tibda tiġi ġenerata l-enerġija minn 67,000 metru kwadru ta' panelli fotovoltajiċi minn fuq is-soqfa ta' binjiet pubbliċi wara sejħa pubblika li kienet diġà nbdiet fl-2009. Se toħroġ sejħa pubblika wkoll għal 40,000 metru kwadru ieħor ta' soqfa ta' binijiet pubbliċi biex dawn ukoll jinksew b'panelli fotovoltajiċi.

Barra minnhekk, se jiġu introdotti s-segwenti *feed in tariffs* għal PVs li mhux qed jiġu mgħejjuna minn xi forma ta' għotja finanzjarja fuq il-kapital kif ġej:

- installazzjonijiet ta' anqas minn 1MW fuq soqfa: 18ċ/kWh għal 20 sena;
- installazzjonijiet ta' anqas minn 1MW fuq l-art: 17ċ/kWh għal 20 sena;
- installazzjonijiet ta' aktar minn 1MW fuq soqfa: 17ċ/kWh għal 20 sena; u
- installazzjonijiet ta' aktar minn 1MW fuq l-art: 16ċ/kWh għal 20 sena.

L-applikazzjonijiet se jintlaqaw mill-Awtorità għar-Riżorsi fl-ewwel sitt xhur tal-2013.

Irrid niċċara li dawk li għandhom diġà installazzjonijiet taħt xi skema preċedenti, mhu se jinbidlilhom xejn mill-arranġamenti preżenti, filwaqt li l-Gvern qed iħares biex joħroġ skema oħra ta' pannelli għad-djar.

Il-Gvern qed jiffinalizza wkoll skema li permezz tagħha familji li ma jistgħux iwaħħlu pannelli fotovoltajiċi fuq il-bejt tagħhom, jinvestu f'sistema akbar lil 'hinn mir-residenza tagħhom. Dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-enerġija nadifa ġenerata skont l-investiment li jagħmlu f'din is-sistema komuni.

Se nestendu l-iskema li tagħti lura 40 fil-mija tan-nefqa lin-nies sa massimu ta' 400 ewro fuq ix-xiri ta' *solar water heaters*, u dik li tagħti rifużjoni ta' 15.25 fil-mija sa massimu ta' 1,000 ewro fuq l-installazzjoni ta' aperturi *double glazing* u mezzi oħra ta' *insulation* u effiċjenza fl-użu ta' enerġija.

Biex il-Gvern ikun jista' jiffinanzja parzjalment dawn id-diversi skemi favur l-enerġija nadifa, se tiżdied ir-rata ta' sisa fuq il-konsum ta' fjuwils b'2ċ għal kull litru, u fuq is-siment b'€5 għal kull tunnellata.

## 4.2 Investiment biex intejbu id-Dehra ta' Pajjiżna

Matul din il-leġislatura kellna investiment infrastrutturali massiv f'dan il-pajjż, finanzjat sostanzjalment mill-fondi tal-Unjoni Ewropea.

Il-proġetti li għaddejjin fil-Belt Valletta se jagħtu lura d-dinjità mistħoqqa lill-Belt kapitali tagħna. Għamilna il-proġett fid-daħla tal-Belt biex stajna neħilsu l-Palazz tal-Gran Mastri mill-Kamra tal-Parlament u l-Uffiċini. B'hekk din il-ġawhra f'nofs il-Belt

titgawda aktar minn kulħadd. Ergajna bnejna il-lift tal-Barrakka li se jgħaqqad il-port maċ-ċentru tal-Belt Valletta. Ressaqna l-pjanti biex il-Pixkerija tinbidel f'*boutique hotel*, u biex l-isptar Boffa jinbidel f'lukanda mill-isbaħ.

Is-sena d-dieħla se jitlesta r-restawr fuq il-faċċati ta' Kastilja u l-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, filwaqt li se jingħata bidu għar-restawr tal-faċċata tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Qed nirrestawraw ukoll il-Forti ta' Sant Iermu biex dan jinbidel f'ċentru ta' storja, kultura u tagħlim. Bnejna mill-ġdid il-Pont tal-Breakwater li diġà qed jitgawda mill-familji Maltin. Qed nibnu parkeġġ fil-Furjana biex nagħtu lura l-ispazji meħuda fil-Belt u b'hekk ikun hawn aktar aċċessibbiltà

Komplejna bil-proġetti marittimi. Lestejna l-moll tal-Isla, wasal biex jitlesta l-*breakwater* ta' Marsaxlokk, u saru xogħolijiet fuq dak tal-Belt. It-terminal taċ-Ċirkewwa se jkun qed jaħdem f'Diċembru.

Bħalissa għaddej ukoll ix-xogħol fuq l-akbar proġett li qatt sar f'pajjiżna: dak biex itaffi l-għargħar. Dan il-proġett qed isir b'investiment ta' 56 miljun ewro u hu ntiż biex jittaffew l-għargħar permezz ta' sistema ta' mini taħt l-art li jilqgħu l-ilma tax-xita. Iżda, dan se jgħinna wkoll biex inżidu l-potenzjal tal-ħażna b'700,000 metru kubu ta' ilma mal-210,000 li għandna sa llum.

Mr. Speaker,

Dawn il-proġetti qed joħolqu aktar xogħol għall-ħaddiema tagħna.

Din il-leġiżlatura tibqa' imfakkra wkoll għal kemm raddejna lura lin-nies spazji ġodda li qabel ma setgħux igawduhom, bħal

Pjazza San Ġorġ fil-Belt, l-*Adventure Park* f'Ta' Qali, il-*Water Park* f'Buġibba, Pjazza Sant'Anna f'Tas-Sliema, u tant oħrajn. Is-sena d-dieħla se jinbeda xogħol fuq *Water Park* f'Għawdex u ieħor fil-Park tal-Familja f'Wied il-Għajn.

Se jitlestew ic-Ċentru Ċiviku fis-Swieqi u l-Ġnien Pubbliku f'San Ġwann. Is-sena d-dieħla wkoll se jinbeda x-xogħol fuq *underground carpark* u ġnien pubbliku fix-Xatt ta' tas-Sliema u l-Pjazza l-kbira ta' Raħal Ġdid.

Il-Gvern, għal darb'oħra, qed iżid il-fondi għall-Kunsilli Lokali b'miljun ewro għal total ta' 32.4 miljun. Dan għax jemmen fil-ġid li jagħmlu fil-komunitajiet ta' pajjiżna.

Sas-sena d-dieħla wkoll, se nkunu lestejna r-restawr fuq sitt kilometri ta' swar minn total ta' sitt kilometri b'investiment ta' 36 miljun ewro. B'dan il-proġett, mhux biss qed nagħtu valur akbar lill-partimonju storiku ta' pajjiżna, iżda qed noħolqu anke spazji komdi għall-familji li qabel ma kellhomx aċċess għalihom. Matul l-2013 se titlesta r-riabilitazzjoni tal-Fosos tal-Mdina u tal-Birgu li se jerġgħu jingħataw lin-nies bħala ġnien pubbliku għar-rikreazzjoni tagħhom.

Is-sena d-dieħla se nibdew ukoll ir-restawr fuq partijiet mis-swar tal-Isla u l-bini mill-ġdid tal-partijiet li waqgħu tal-Palazz Vilhena fl-iMdina, filwaqt li titlesta r-riabilitazzjoni tas-Salini. Dan b'investiment ta' 7 miljun ewro.

**Toroq**

Fl-aħħar erba' snin u nofs bnejna 'l fuq minn 12-il kilometru ta' toroq arterjali: il-ByPass ta' Wied il-Għajn, Triq Valletta fiż-Żurrieq, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Triq Garibaldi, Xatt l-Għassara ta' l-Għeneb, Triq il-Marfa, u t-triq li mix-Xewkija

twasslek ir-Rabat, f'Għawdex. Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-Bypass ta' Pennellu fil-Mellieħa u fuq l-*underpass* fil-Marsa.

Mr. Speaker,

Bejn toroq residenzjali ġodda u dawk li għamlu l-Kunsilli Lokali, se nkunu tajna lill-familji kważi 500 triq ġdida. Ix-xogħol fuq toroq residenzjali ġodda għadu għaddej, u qed jinħarġu aktar kuntratti biex isiru oħrajn.

Tlesta wkoll ix-xogħol ta' pavimentar f'madwar 20 triq fiċ-ċentru tal-Belt Valletta, u l-mina ta' Qui Si Sana.

**Aktar Inċentivi għar-Restawr u Żvilupp ta' Proprjetajiet Residenzjali**

Mr. Speaker,

Il-Gvern irid jara li s-settur privat ukoll jagħmel l-isforz tiegħu biex jikkontribwixxi għar-restawr u riġenerazzjoni ta' diversi bliet u rħula Maltin. Wara li fil-baġit li għadda ħabbarna diversi skemi biex ninċentivaw ir-restawr ta' proprjetajiet, illum se nħabbar skemi oħra biex inkomplu nwessgħu l-opportunitajiet għal min irid jinvesti f'dan is-settur.

F'dan il-Baġit se nniedu skema għal dawk li jixtiequ jirrestawraw proprjetà residenzjali ġewwa l-ibliet u l-irħula tagħna. Għal dawn il-proprjetajiet, li jridu jkunu skedati fi Gradi 1 u 2, jew jinsabu f'UCA, se tingħata rifużjoni ta' 25 fil-mija fuq l-ispejjeż ta' restawr sa massimu ta' 5,000 ewro. Fil-każ ta' proprjetajiet li qegħdin il-Belt, ir-rata ta' rifużjoni se tkun ta' 30 fil-mija.

Se nniedu skema wkoll għal għaqdiet mhux governattivi rikonoxxuti, li jinvestu fir-restawr tal-proprjetajiet tagħhom, jew li jkunu qed jagħmlu użu minn proprjetà li tkun għaddiet fil-

kustodja tagħhom mill-Gvern. Il-proprjetajiet iridu jkunu wkoll skedati fi Gradi 1 u 2 jew jinsabu f'UCA. F'dan il-każ tingħata rifużjoni ta' 25 fil-mija fuq l-ispejjeż ta' restawr sa massimu ta' 2,500 ewro.

Individwi u kumpaniji li jixtru proprjetà f'żoni barra UCAs għal skop ta' restawr u żvilupp, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-MEPA, se jibbenefikaw minn rata mnaqqsa ta' 2 fil-mija fuq ħlas ta' boll fuq id-dokumenti. Se jingħataw ukoll kreditu ta' taxxa ta' 20 fil-mija, sa massimu ta' 200,000 ewro, fuq in-nefqa li tikkwalifika għal dan ir-restawr u żvilupp.

Barra minn hekk, ċertu tip ta' żvilupp, li jkun konformi mal-parametri stabbiliti fil-master plans tal-MEPA, se jkun eżenti minn ħlasijiet ta' permessi u, f'ċertu każijiet, jista' jikkwalifika għal *fast track development notification order procedure*. Iż-żoni li ġew identifikati għal dawn l-iskemi huma Albert Town u l-*Menqa Opportunity Area* ġewwa l-Marsa, partijiet minn San Pawl il-Baħar u l-Gżira, u taċ-Ċawla ġewwa r-Rabat Għawdex.

## 4.3 L-Ambjent ta' Madwarna

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern wettaq ħidma kbira biex intejbu l-ambjent tagħna. F'numru ta oqsma, ir-riżultati tal-investiment li qed nagħmlu beda jidher u jagħti riżultati inkoraġġanti.

Illum, b'riżultat tal-investiment li għamilna fit-trattament tal-iskart likwidu, il-kwalità tal-baħar ta' madwarna hija ċertifikata bħala fost l-aqwa fil-Mediterran. Bl-investiment li għamilna fit-trasport pubbliku neħħejna karozzi li kienu jniġġżu, u daħħalna karozzi tal-linja li għandhom l-anqas livell ta' emissjonijiet li jħammġu l-arja. Investejna fil-mod kif qed nittrattaw l-iskart

solidu bl-introduzzjoni ta’ *Bring In Sites*, il-kollezzjoni tal-borża il-griża, u l-bini ta’ ċentru għas-separazzjoni tal-iskart, kif ukoll trattament tal-iskart li qed iwassal għal produzzjoni ta’ enerġija nadifa. Ir-riforma tal-MEPA rriżultat f’aktar konsistenza fid-deċiżjonijiet li jittieħdu, f’infurzar aħjar u f’aktar protezzjoni tal-ambjent.

Il-ħidma tal-Gvern fil-qasam ambjentali se tkompli. Din se tkun ibbażata fuq il-Politika Nazzjonali għall-Ambjent li tnediet aktar kmieni din is-sena. Se nwettqu inizjattivi biex, fost l-oħrajn, innaqqsu l-impatti ta’ trabijiet u nkonvenjenzi f’żoni b’ħafna kostruzzjoni u biex nimmoniterjaw il-kwalità tal-arja. Se niżviluppaw ukoll il-pjani meħtieġa għall-immaniġġjar taż-żoni Natura 2000.

**Trasport**

Mr. Speaker,

Fi tliet snin għamilna riforma sħiħa fis-sistema tat-trasport pubbliku. Nifhmu li fadal x’jitranga u x’jittejjeb, iżda kulħadd japprezza li din kienet riforma kbira biex illum għandna servizz tat-trasport modern u li jħammeġ anqas. Din ir-riforma ġabet magħha aktar minn 1,000 post tax-xogħol ġdid u diversi proġetti infrastrutturali.

Wettaqna riformi wkoll fis-setturi tal-karozzi tal-mejtin, tal-minibuses, it-taxis, l-*electric cabs*, it-*trackless trains*, il-kowċis, l-*open-top buses*, il-*water taxis*, u s-servizz tal-*ferries* bi skeda fil-Port ta’ Marsamxett u eventwalment fil-Port il-Kbir.

Il-politika tal-Gvern tibqa' dik li fit-toroq tagħna jkun hawn vetturi aktar moderni, iżgħar u li jniġġżu anqas. Is-sena li għaddiet estendejna l-kunċett ta' *Euro standard* fit-taxxa ta'

reġistrazzjoni għall-karozzi wkoll. F'dan il-Baġit, qed innaqqsu r-rata fit-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq karozzi ta' tip *Euro standard 5* sa massimu ta' 30 fil-mija.

Se nibqgħu kommessi wkoll b'inizjattivi li jkomplu jtejbu l-kwalità tal-arja tagħna. Wieħed mis-sorsi prinċipali huma d-dħaħen mill-karozzi. L-iskema tal-iskrappjar ta' karozzi privati ntlaqgħet b'suċċess mill-pubbliku, tant li għal sentejn konsekuttivi l-iskema ttieħdet kważi kollha. Għalhekk, il-Gvern se jagħti għotja ta' 500 ewro lil kull min jixtri karozza jew vettura kummerċjali ġdida tat-tip N1, waqt li jiskrappja vettura qadima tal-istess kategorija fil-faċilitajiet ta' skrappjar li għandhom permess ambjentali mill-MEPA. Għal din l-iskema qed nivvutaw 500,000 ewro.

It-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq karozzi ta' tip *Euro standard 4* qed tiżdied b'medja ta' 10 fil-mija. Fl-istess ħin, it-taxxa minima ta' reġistrazzjoni għal karozzi impurtati minn barra l-Unjonni Ewropea, għandhom ħames snin u li, għandhom emissjonijiet ta' 130g/km ta' karbonju ta' dijossidju se tinżel għal 1,000 ewro.

Irriżulta li l-liċenzji ta' ċirkolazzjoni għal karozzi li għandhom livell ta' emissjonijiet għoli, huma għola meta mqabbla ma' kategoriji oħra. Għalhekk, qed nagħmlu *capping* ta' dawn il-liċenzji biex intaffu l-piż fuq min jirreġistra dawn il-karozzi.

Qed innaqqsu wkoll ir-rata ta' taxxa għal vetturi kummerċjali tal-kategorija N1 bi 12.5 fil-mija. Din il-miżura se tagħti inċentiv akbar lill-kumpaniji u lil dawk li jaħdmu għal rashom biex jixtru vetturi kummerċjali aktar moderni.

It-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq muturi li jkollhom magna sa 250cc se titneħħa. Għal muturi b'magna akbar qed innaqqsu t-taxxa ta' reġistrazzjoni b'25 fil-mija.

Fil-kaz ta' vetturi *Classic, Vintage* u *Veteran* qed inneħħu t-taxxa ta' reġistrazzjoni għal dawk li għandhom 50 sena jew aktar. Barra minnhekk, l-età minima biex vettura tiġi klassifikata bħala *Classic* se tinżel minn 35 għal 30 sena. Qegħdin ukoll inneħħu l-liċenzji fuq dawn il-vetturi. Din qed tiġi mibdula f'miżata amministrattiva ta' €8 fuq kull vettura.

It-tibdil fir-rati tat-taxxa ta' reġistrazzjoni se jidħlu fis-seħħ mid-29 ta' Novembru 2012.

M'aħniex se nieqfu hawn, Mr. Speaker.

Huwa fatt magħruf li karozzi li jaħdmu b' *autogas* iniġġżu anqas. Diġà hemm numru ta' vetturi li nqallbu biex qed jaħdmu bl-*autogas*. Biex ninċentivaw lil min jeqleb il-karozza tiegħu għall-*autogas* se nniedu skema li tagħti rifużjoni ta' 200 ewro. L-iskema se tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013 u tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena, jew sakemm jibbenefikaw 1,000 persuna. Għal din l-iskema qed nivvutaw 200,000 ewro. Din l-iskema se titħaddem mill-Awtorità Maltija għar-Riżorsi.

Għal dawk il-karozzi li jinqalbu għall-*autogas* u li jkunu ġew reġistrati mill-1 ta' Jannar 2009 'l hawn, il-livell tal-karbonju tad-dijossidju reġistrat se jitnaqqas b'10 fil-mija. Dan jiġi rifless fil-liċenzji li jitħallsu għal dawn il-karozzi. Dan it-tibdil jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

Is-sena l-oħra ħabbarna skema fejn min għandu liċenzji b'lura jista' jirregolarizza ruħu ma' Transport Malta. S'issa madwar 3,500 persuna diġà daħlu f'din l-iskema. Din l-iskema se nestenduha sal-31 ta' Diċembru 2013.

**Immaniġġjar tal-Iskart**

Mr. Speaker,

F'dak li hu mmaniġġjar tal-iskart, fl-aħħar ħames snin wettaqna riformi kbar. Bi pjaċir infakkar li fil-ġranet li ġejjin kull min joqgħod f'żona ta' 1.5 km mill-impjant ta' Sant'Antnin se jibda jirċievi *cheque* b'ammont skont id-daqs tal-familja li jissarraf meta jitħallas il-kont tad-dawl. Dan se jsir taħt l-iskema *Good Neighbourhood Scheme,* u b'hekk il-ġirien tal-impjant ta' Sant'Antnin igawdu huma wkoll mill-enerġija nadifa li l-impjant qiegħed jiġġenera. Irrid ngħid li l-Inspire diġà qed igawdu billi l-arja sħuna ġenerata fil-proċess ta' kompost tiġi użata biex issaħħan il-pixxina tagħhom.

Il-Park tal-Familja minflok il-miżbla li kien hemm f'Wied il-Għajn jinsab fil-fażi finali tiegħu u hu mistenni li jinfetaħ f'Jannar tas-sena d-dieħla. B'investiment ta' sitt miljun ewro, dan il-park se jkun attrazzjoni prinċipali għan-naħa t'isfel ta' Malta.

F'Ta' Qali se tinbena wkoll *Civic Amenety Site* ġdida biex tilqa' fiha skart goff u l-aktar skart li jkun ġenerat mill-Pitkalija. Din il-faċilità se tgħin biex l-materjal kollu dikjarat mormi mill-pitkalija jkollu jgħaddi minn din il-faċilità u jintiżen. B'hekk innaqsu l-abbuż u nipproteġu l-bidwi.

Il-Gvern miexi wkoll bil-pjan li jirrijabilita l-miżbliet magħluqa. Bħala parti mir-rijabilitazzjoni tal-Qortin f'Għawdex, il-Gvern qed jaħdem biex jinstalla sistema ta' panelli fotovoltajiċi fuq medda ta' 6,000 metru kwadru ta' art. Huwa kkalkulat li joqgħodu mal-2,400 pannella, b'kapaċità li jiġġeneraw 850,000 unit ta' enerġija nadifa.

Ir-rijabilitazzjoni tal-miżbla l-magħluqa fil-Magħtab miexi kif ippjanat. Mill-Magħtab nitrattaw il-gass ħażin tant li l-livell ta' diossina fl-arja tal-madwar naqas b'99 fil-mija. L-impjant ta' trattament tal-gassijiet tossiċi hemmhekk qed jiġġenera l-enerġija, tant li l-impjant li l-istess impjant li jaħraq il-gass perikoluż, qed jopera mill-enerġija li jiġġenera hu stess. Dan il-proġett, li l-ewwel fażi tiegħu mistenni titlesta sal-aħħar tal-2012, se jagħti lill-familji tagħna park ta' 300,000 metru kwadru.

**Konservazzjoni tal-ilma fid-djar**

Il-Gvern qed ifassal pjan biex kull dar tibbenefika minn apparat li jgħin fil-konsevazzjoni tal-ilma li jintuża minn kull familja. Dan b'apparat żgħir li jeħel mal-vit tal-ilma u li permezz tiegħu jonqos il-ħela tal-ilma. Din l-inizjattiva diġà tnediet f'Għawdex u issa se nestenduha anke f'Malta.

Barra minnhekk, il-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ se tagħti taħriġ biex tiġi varata skema li żżid l-konsevazzjoni tal-ilma fid-djar tagħna. Din l-iskema taħseb biex residenzi skedati fiż-żona urbana japplikaw biex jirranġaw il-bir jew jagħmlu sistema ta' *plumbing* għal ilma *second class*. Qed nallokaw 150,000 ewro għal din l-iskema, fejn kull applikant li jiġi aċċettat jingħata 50 fil-mija tal-ispejjeż, sa massimu ta' 1,000 ewro.

## 4.4 Agrikoltura u Sajd

Mr. Speaker,

Bla dubju l-investiment li sar fl-aħħar snin fis-settur agrikolu, jitkellem waħdu. Illum naraw f'pajjiżna aktar serer, irziezet kważi ġodda, aktar ġwiebi u aktar makkinarju modern biex jgħin fil-ħidma tal-bdiewa u r-raħħala tagħna. Investejna mal-100 miljun ewro fis-settur agrikolu f'dawn l-aħħar snin, u l-

Gvern qed jinnegozja bis-sħiħ mal-Unjoni Ewropea biex fil-baġit li ġej jikseb l-aħjar pakkett possibbli mir-Riforma tal-Politika Agrikola Komuni.

Diġà wettaqna titjib fil-ħlas tal-kontribuzzjoni soċjali mill-bdiewa. Se naraw kif, fix-xhur li ġejjin, inkomplu ntejbu din il-miżura.

Is-sena li għaddiet, wegħedna li se nagħmlu skema sabiex intaffu l-ispejjeż tal-fjuwil tal-bdiewa, fuq l-istess linji li għandhom is-sajjieda. L-iskema tfasslet u se nvarawha hekk kif tkun finalizzata bl-approvazzjonijiet kollha meħtieġa.

Kull ma jmur il-prezz internazzjonali taċ-ċereali qiegħed dejjem jogħla. Il-Gvern kien diġà ta għajnuna ta' 400,000 ewro lill-bdiewa u r-raħħala bħala sussidji fuq il-prezz tal-ġwież, u fil-ġranet li ġejjin, se titħabbar skema t'għajnuna oħra. Hemm il-ħsieb li jinħoloq Fond li fih jikkontribwixxu l-produtturi u l-Gvern. Meta produttur jkun qed jagħmel il-qligħ previst, persentaġġ mill-qligħ tiegħu imur lejn dan il-Fond. Il-Gvern se jkun qed jikkontribwixxi bl-istess ammont. Meta l-produttur ikun qed idaħħal anqas, huwa mbagħad jieħu parti mit-telf tiegħu minn dan il-Fond. L-iskema hija stmata li tiswa 300,000 ewro.

Nafu li hemm numru ta' raħħala li jieħdu l-provvista tal-ilma tagħhom dirett mill-mains tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Dan ipoġġihom f'sitwazzjoni żvantaġġjata fil-konfront ta' raħħala li dejjem użaw l-ilma tal-pjan. Il-Gvern jinsab impenjat li jikkoreġi dan l-iżbilanċ u għalhekk se jintroduci skema li tkun ekwa u li permezz tagħha l-piż li jħallsu dawk ir-raħħala li jisqu l-bhejjem tagħhom dirett mill-provista ta' ilma mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jinqasam b'mod ġust bejn kulħadd.

Il-Gvern impenjat ukoll li jiffaċilita lir-raħħala u l-bdiewa jużaw spazji eżistenti fl-oqsma tagħhom biex fuqhom jinstallaw apparat li jiġġenera enerġija nadifa. Dan se jippermetti mhux biss li nkomplu nilħqu l-miri stabbiliti għall-użu ta' enerġija nadifa, iżda li l-bdiewa u r-raħħala jkollhom tnaqqis fl-ispiża biex jiġġeneraw l-enerġija.

Fil-Pitkalija, matul din is-sena, kif kien intqal li se jsir, sar xogħol ta' titjib u modernizzar biex dan ikun aktar konformi mar-regolamenti tal-ikel. Se nkomplu  ninvestu f'din id-direzzjoni b'nefqa ta' erba' miljun ewro oħra biex inkomplu ntejbu l-infrastruttura u s-sistema ta' informazzjoni tal-proċess tal-bejgħ u xiri ta' prodotti.

Se jkompli jittejjeb ukoll il-*grading* tal-prodotti li jitwasslu fil-Pitkalija. Il-grad jirrifletti l-kwalità tal-prodott. B'hekk x'hin il-prodott ikun qed jinbiegħ ix-xerrej ikun jaf jekk il-prodott li qed jixtri jkunx ta' kwalità għolja jew ta' kwalità anqas tajba.

F'dawn l-aħħar tliet snin fil-Biċċerija sar progress kbir. Investejna żewġ miljun ewro fuq diversi xogħolijiet strutturali biex ikun hemm garanzija dejjem akbar ta' sigurtà tal-ikel. Ġiet installata wkoll sistema ġdida ta' refriġerazzjoni tas-sitt *chillers* fejn jinżamm il-laħam U matul is-sena d-dieħla, se jsir modernizzar fil-parti fejn jinqatel il-majjal.

Fil-qasam tas-sajd, din is-sena nbeda ix-xogħol fuq Pixkerija ġdida li qed tinbena  fil-Marsa skont l-ogħla standards Ewropej, b'investiment ta' tliet miljun ewro b'fondi ewropej.

Il-Gvern qed jalloka 'l fuq minn sitt miljun ewro, fuq perjodu ta' tliet snin, biex isir l-investiment neċessarju fil-port ta' Marsaxlokk. Dan l-investiment jinkludi l-bini ta' *breakwater* ġdid ħdejn il-*hardstanding facility* u r-restawr tal-*breakwater* eżistenti

ħdejn il-*Power Station* ta' Delimara. Dan minbarra li se nkomplu nibnu faċiltajiet oħra neċessarji fil-portijiet tas-sajd.

Fl-2012 sar ftehim ġdid mas-sajjieda biex dawn ikunu eżentati mill-ħlas tal-VAT meta jixtru d-*diesel* għal skopijiet ta' sajd. Din l-għajnuna se tibqa' tingħata għas-sena 2013 ukoll.

Il-Gvern konxju li l-qasam tas-sajd jeħtieġ aktar protezzjoni. Konxju wkoll tal-fatt li għaddejjin diskussjonijiet fl-Unjoni Ewropea li jistgħu jwasslu biex jiddaħħal l-istaġun magħluq għas-sajd, il-Gvern jemmen li għandu jgħin lis-sajjieda Maltin f'din l-eventwalità.

Fil-każ tas-sajjieda li jaħdmu għal rashom, fl-eventwalità ta' staġun magħluq, dawn ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-benefiċċju tal-qgħad. Għalhekk, il-Gvern għandu ħsieb li jiftaħ skema amministrattiva fejn dawn is-sajjieda ikunu jistgħu jiġu mgħejjuna finanzjarjament biex jiġu kumpensati għall-istaġun magħluq, u biex dawn ikomplu jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali waqt dan il-perjodu ta' inattività.

L-ispiża hi stmata li tkun kif muri fit-tabella 4.1, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija.

**Table 4.1: Spiża Rikurrenti Addizzjonali**

| Tul tal-Istaġun Magħluq | Spiża (€) |
|---|---|
| 4 ġimgħat | 164,920 |
| 6 ġimgħat | 247,380 |
| 10 ġimgħat | 410,300 |
| 13-il ġimgħa | 535,990 |

## 4.5 Ħarsien tal-Annimali

Mr. Speaker

Fil-qasam tal-annimali f'din il-leġiżlatura wettaqna ħidma kbira. Ftaħna Ċentru San Franġisk għal-ħarsien tal-annimali b'sevizz ta' 24 siegħa kuljum, servizz ta' ambulanza tal-annimali 24 siegħa kuljum, introducejna l-*microchipping* tal-klieb kollha, u ftaħna l-ewwel *dog park* f'pajjiżna.

Is-sena li ġejja se niftħu *dog park* ieħor fil-Family Park ta' Wied il-Għajn, u flimkien mal-NGOs, se nagħmlu *neutering campaign* tal-klieb u l-qtates li jiġġerrew fit-toroq tagħna.

Se ninvestu wkoll 250,000 ewro f'għajnuniet għas-santwarji tal-annimali.

# 5. Għawdex

Il-Gvern kompla jinvesti f'Għawdex bil-għan li jisfrutta l-potenzjal ta' Għawdex bħala gżira ekoloġika, u biex jiżgura li kull familja tgawdi minn kwalità ta' ħajja aħjar. Minkejja is-sitwazzjoni ekonomika internazzjonali, irnexxilna ninċentivaw lill-operaturi u individwi biex żammejna l-qasam tax-xogħol f'Għawdex stabbli.

Ix-xogħol huwa sfida partikolari għal Għawdex u se nibqgħu nagħmlu ħilitna biex negħlbu din l-isfida.

L-iskema *Microinvest* għinet 200 kumpanija, ħafna minnhom negozji żgħar. Dawn investew madwar żewġ miljun ewro bejniethom. L-*Employment Aid Programme* waslet biex, aktar minn 150 intrapriża li flimkien jimpjegaw 450 ħaddiem, ibbenefikaw minn sussidju għall-ewwel 52 ġimgħa ta' xogħol. Dan wassal biex bejn l-2010 u l-2011 kien hemm żieda ta' 285 persuna jaħdmu f'Għawdex.

## 5.1 Eko Għawdex

Matul dawn l-aħħar tliet snin, il-Gvern wettaq numru kbir ta' proġetti marbuta ma' Eko Għawdex. Taddfu numru ta' żoni fil-widien fejn jinġabar l-ilma tax-xita bl-iskop li tikber il-ħażna tal-ilma tax-xita f'Għawdex. Inbnew u ġew restawrati ġibjuni għall-ħażna tal-ilma tax-xita. Infetaħ ġnien pubbliku ġdid f'Marsalforn. Ftaħna Ċentru ġdid ta' Riċerka u Innovazzjoni fl-Agrikoltura u l-Ambjent flimkien mal-Università ta' Malta fil-Farm Sperimentali tal-Gvern fix-Xewkija. Ħawwilna eluf ta' siġar.

Wettaqna r-riforma fit-trasport pubbliku li għenet biex tjieb ħafna l-aċċess għal kull lokalità madwar il-gżira.

Nidejna kampanja li, permezz tagħha, familji Għawdxin irċevew informazzjoni dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-ilma fid-dar, l-enerġija alternattiva, u s-separazzjoni tal-iskart.

Daħħalna *feed in tariff* speċjali għal Għawdex għall-enerġija nadifa ġenerata.

808 familja rċevew għajnuna għall-installazzjoni ta' *solar water heaters,* filwaqt li 708 familja oħra rċevew għajnuna għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi.

## 5.2 Ħidma biex Noħolqu Aktar Opportunitajiet ta' Xogħol

Mr. Speaker,

Konxji li l-insularità doppja ta' Għawdex toħloq ċerti problemi, il-Gvern huwa kommess li, matul l-2013, ikompli bil-programm tiegħu biex jinħolqu aktar postijiet tax-xogħol ġewwa Għawdex stess. Għalhekk, se jitkompla l-eżerċizzju biex aktar dipartimenti, awtoritajiet, u entitajiet governattivi jitrasferixxu lejn Għawdex parti mill-operat tagħhom.

Fl-istess ħin, flimkien mal-ETC, se tinħoloq skema biex persuni Għawdxin li qed jirreġistraw għax-xogħol jingħataw l-opportunità ta' taħriġ f'impjieg għal perjodu definittiv. Din l-iskema hija mistennija li tolqot madwar 200 persuna u se tfisser żieda netta fl-ispiża tal-Gvern ta' 1.1 miljun ewro. Dawn il-persuni se jkunu qed jitħarrġu u, fl-istess ħin jagħtu l-kontribut tagħhom, biex isiru xogħolijiet li jkomplu jsebbħu lil Għawdex, itejbu l-prodott Għawdxi u jingħataw servizzi aħjar. Din l-iskema se tkun ukoll miftuħa għall-parteċipazzjoni minn operaturi fis-settur privat li jkunu lesti jħarġu nies fl-intrapiża tagħhom.

## 5.3 Investiment fl-Edukazzjoni

In-numru ta' żgħażagħ Għawdxin li jkomplu bl-istudji terzjarji tagħhom fl-Università jew f'istituzzjonijiet oħra bħall-MCAST u l-ITS kompla jikber, u issa laħaq total ta' 1,437. Matul din is-sena investejna bis-sħiħ biex stajna nkabbru l-faċilitajiet offruti miċ-ċentri tal-MCAST fix-Xagħra u x-Xewkija, bi tliet laboratorji tal-ICT, u *workshops* għal taħriġ fl-installazzjoni elettrika, *welding* u fabrikazzjoni, l-inġinerija mekkanika u xogħol fl-injam.

Il-Gvern jibqa' mpenjat li jgħin lill-istudenti Għawdxin biex tittaffa l-ispiża ta' akkomodazzjoni u spejjeż oħra marbuta mal-istudji tagħhom f'Malta. Studenti Għawdxin li jattendu kors f'Malta, kemm fl-Università jew f'istituzzjoni oħra, se jerġgħu jingħataw €400 kull tliet xhur.

Matul din is-sena, investejna wkoll fl-edukazzjoni primarja u sekondarja. Sar xogħol ta' ristrutturar u manutenzjoni fi skejjel primarji u sekondarji, filwaqt li tlestew faċilitajiet moderni li joffru livell ogħla u ta' sigurtà fl-iskejjel kollha fil-Kulleġġ ta' Għawdex.

## 5.4 Turiżmu

Mr. Speaker,

Matul din is-sena komplejna bil-ħidma intensiva fir-reklamar ta' Għawdex bħala destinazzjoni turistika distinta. Din qed tiffoka fuq diversi setturi bħall-*cruiseliners*, id-*diving*, u t-turiżmu sostenibbli, u qed issarraf f'numru akbar ta' turisti li qed jagħżlu lil Għawdex għall-btala tagħhom. Għalhekk, qed nerġgħu nallokaw il-fondi f'dan il-Baġit biex nassiguraw li dan l-effett jibqa' jinħass.

Is-suq tal-*cruiseliners* qed ikun inkoraġġanti, tant li matul din is-sena lqajna 16-il vapur f'Għawdex. L-interess f'dan is-settur għas-snin li ġejjin jidher li huwa wieħed inkoraġġanti. Sadanittant, kompliet il-ħidma fit-turiżmu sostenibbli, dak rurali, sportiv, u t-turiżmu għall-familji.

Fil-ġranet li ġejjin se nniedu skema, b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu f'Għawdex, li tinċentiva t-turiżmu domestiku lejn Għawdex bejn ix-xhur ta' Novembru u Frar ta' kull sena. Kull min imur għal btala, u jgħaddi mill-anqas lejl wieħed f'akkomodazzjoni turistika liċenzjata, se jħallas l-istess prezz tal-vapur bħal resident Għawdxi. Qed nivvutaw 200,000 ewro għal din l-iskema.

## 5.5 Proġetti Oħra

Din is-sena, kompla x-xogħol fuq diversi proġetti li, uħud minnhom, ġew konklużi, filwaqt li oħrajn għaddejin b'ritmu tajjeb.

Fost dawn il-proġetti nsibu l-bini mill-ġdid ta' 20 kilometru ta' toroq arterjali. Issa li tlestiet l-ewwel fażi mill-proġett ta' bini mill-ġdid ta' Triq tax-Xlendi u t-Triq ta' Pinu, għaddej xogħol fuq it-tieni fażi.

Is-sena li d-dieħla għandhom jinħarġu l-permessi meħtieġa biex jinbeda x-xogħol ta' rikostruzzjoni fuq il-*breakwater* ta' Marsalforn. Se jinbdew ukoll ix-xogħolijiet fil-*waterfronts* ta' Marsalforn u dak tax-Xlendi, filwaqt li għandhom jitlestew is-*slipway* u d-*dry standing area* għad-dgħajjes l-Imġarr.

Ix-xogħolijiet ta' tisbiħ f'Villa Rundle tlestew kmieni din is-sena. Bdiet ukoll ir-rijabilitazzjoni u titjib tal-faċilitajiet fl-inħawi taż-Żewwieqa, b'investiment ta' ħames miljun ewro. Tlesta x-xogħol

fuq il-biċċerija. Saru xogħolijiet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, inxtara apparat avvanzat għall-isptar, u twaqqaf il-*Bone Density Unit*.

Bħalma ħabbarna s-sena li għaddiet, tajna bidu għall-proġett tal-*Masterplan* taċ-Ċittadella. Dan b'investiment ta' 14-il miljun ewro.

Is-sena d-dieħla se niftħu *Child Development Centre* reġjonali fir-Rabat, li se joffri servizzi għat-tfal mill-isptar u anke dawk edukattivi relatati ma' diffikultajiet speċifiċi.

Se nkomplu ninvestu aktar fl-isptar Ġenerali t'Għawdex. Huwa l-ħsieb tagħna li servizzi tal-kimoterapija jingħataw f'Għawdex stess biex dawk morda bil-kanċer ma jkollhomx aktar bżonn imorru Malta għall-kura. Se titwaqqaf ukoll *unit* għal dawk il-persuni bid-*dimentia*, kif ukoll *half way house* għall-pazjenti b'mard mentali, u *night shelter* għall-anzjani.

Il-Gvern kommess ukoll li jiżviluppa *Local Employment Development Unit* għal Għawdex biex jikkonsolida l-ħidma tal-Malta Enterprise, tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ, u dik tal-Ministeru għal Għawdex.

Se jiġi żviluppat ukoll *business centre* li fih jistabilixxu ruħhom kumpaniji, permezz ta' inċentivi apposta, mis-setturi tas-servizzi finanzjarji, tar-riċerka, u dak tal-informatika. B'hekk insaħħu l-qasam tax-xogħol f'Għawdex.

# 6. Edukazzjoni

## 6.1 Investiment Kontinwu fl-Edukazzjoni ta' Uliedna

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern dejjem ħadem biex jipprovdi liż-żgħażagħ bl-għodda neċessarja biex dawn ikunu jistgħu jimirħu fl-ekonomija attiva tagħna, u biex igawdu mill-opportunitajiet eċċitanti li qed jinħolqu. Din l-għodda tieħu l-forma tal-edukazzjoni li tibqa' s-sisien tas-suċċess ekonomiku ta' pajjiżna.

Grazzi għat-tisħiħ tal-qagħda finanzjarja ta' pajjiżna, waqt li pajjiżi oħra żiedu l-miżati u investew anqas fl-edukazzjoni, il-Gvern kompla jżid sena wara l-oħra l-budget għall-edukazzjoni u l-investiment fl-infrastruttura neċessarja għal dan il-qasam. Irridu li l-istudenti tagħna jkollhom l-aqwa għodda possibbli biex igawdu mis-suċċess li qed niksbu fil-qasam tax-xogħol. Dan qed nagħmluh b'investiment f'kull livell edukattiv.

**Ċentri tal-Ħarsien tat-Tfal u Ċentri Wara l-Ħin tal-Iskola**

F'din il-leġislatura offrejna bosta miżuri fiskali u miżuri favur il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja. Barra minnhekk, sena wara sena, ftaħna numru ta' ċentri għall-ħarsien tat-tfal madwar Malta, kif ukoll ċentru ta' wara l-ħin tal-iskola bil-għan li l-ġenituri jkunu jistgħu iħallu lil uliedhom f'post sikur u edukattiv fil-waqt li huma jkunu x-xogħol. Din is-sena qegħdin inħabbru li se nkunu qed niftħu tlett ċentri oħra ta' ħarsien tat-tfal fiż-Żurrieq, il-Gżira u San Ġwann u sal-ewwel xhur tas-sena d-dieħla se jkollna 30 ċentru ieħor għat-tfal bejn 3 u 16-il sena għal wara l-ħin tal-iskola.

**Livell Primarju u Sekondarju**

Fil-qasam tal-edukazzjoni obligatorja, matul din il-leġislatura sar investiment sostanzjali biex it-tfal jirnexxu lkoll. Kull ġurnata tal-iskola, dan il-Gvern qiegħed jinvesti medja ta' 1.5 miljun ewro fuq l-edukazzjoni, li tfisser aktar minn 6,000 ewro fis-sena fuq kull tifel u tifla. F'dawn l-aħħar snin, introduċejna bosta servizzi li qed iħallu l-frott mixtieq. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-edukaturi u professjonisti kollha tal-ħidma bla heda tagħhom. Permezz ta' tisħiħ fl-istrutturi li joffru gwida u sapport, is-sistema edukattiva qed tkun ta' appoġġ kemm għat-tfal kif ukoll għall-familji li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet.

Mill-2008 'l hawn kien hemm żieda ta' 40 fil-mija fin-numru ta' learning support assistants fl-iskejjel Pubbliċi f'kull livell minn kindergarten 'il fuq. L-iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti kellhom żieda ta' 14 fil-mija fin-numru ta' learning support assistants. Dawn ukoll qed jitħallsu minn fondi pubbliċi.

F'din il-leġislatura rċevejna ċertifikat ieħor ta' suċċess fil-qasam tal-edukazzjoni inklussiva fejn Malta tinsab fl-ewwel post fost il-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea bl-inqas persentaġġ ta' studenti li qed jieħdu l-edukazzjoni tagħhom fi skejjel segregati barra l-mainstream. Dan meta r-rata ta' pajjiżna hija ta' 0.3 fil-mija, meta komparata ma' medja ta' 2.3 fil-mija fost il-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea.

Barra minnhekk, investejna bis-sħiħ f'riżorsi moderni u teknoloġikament mill-aktar avvanzati fl-iskejjel tagħna bl-għan li l-istudenti kollha jingħataw esperjenza ta' tagħlim li tkun tassew tal-aqwa kwalitá. Matul l-aħħar snin investejna aktar minn 20 miljun ewro biex issa l-iskejjel huma mgħammra b'interactive whiteboards. Introduċejna l-pjattaforma tal-elearning li, permezz

tagħha, l-iskejjel se jkunu qed joffru ambjent aktar interessanti u interattiv ta′ tagħlim.

Filwaqt li pajjiżi ġirien tagħna għaddejjin bi protesti kontinwi minħabba l-miżuri ta′ awsterità fil-qasam edukattiv, dan il-Gvern kompla jinvesti biex isaħħaħ is-servizzi u l-infrastruttura tal-iskejjel. Fil-fatt, kemm ilha li twaqqfet il-Fondazzjoni tal-Iskejjel t′Għada, sar investiment ta′ 130 miljun ewro f′bini ta′ skejjel ġodda, immodernizzar ta′ skejjel eżistenti, u programmi ta′ manutenzjoni u tisbiħ. F′din il-leġislatura ftaħna ħames skejjel ġodda fil-Verdala, Pembroke, il-Mosta, ir-Rabat Għawdex, u l-Ħandaq – skola ġdida kull sena.

Il-pjan għas-snin li ġejjin hu li nkomplu nibnu skejjel sekondarji ġodda f′Ħal Kirkop, Raħal Ġdid, Santa Venera, u Pembroke. Fl-iskejjel ta′ Raħal Ġdid u tal-Ħamrun se jinbnew ukoll żewġ Ċentri tar-Riżorsi fejn studenti b′diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-iskola sekondarja u jingħataw servizzi speċjalizzati skont il-bżonnijiet edukattivi li jkollhom.

Il-Gvern għaddej b'ħimda biex jiżviluppa s-sit ta' madwar 20,600 metru kwadru ta′ dak li kien il-grawnd tal-futbol ta′ Pace Grasso ġewwa Raħal Ġdid. Dan se jinkludi parkeġġ għall-700 vettura, skola sekondarja għas-subien, ċentru ta' riżorsi għall-persuni b'diżabilità, u ċentru tas-saħħa.

Matul din il-leġislatura konna xhieda wkoll ta′ bosta riformi fil-qasam edukattiv. Il-konsultazzjoni li saret dwar il-Kurrikulu Nazzjonali mal-edukaturi u l-professjonisti li se jkunu pijunieri fl-implimentazzjoni tagħha kienet waħda pożittiva. Permezz tal-feedback li ngħata issa se jkollna qafas ħolistiku li se jservi bħala gwida li toħroġ il-potenzjal ta′ kull student, filwaqt li tagħti spazju għall-kreattivita tal-għalliema.

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern huwa determinat li jkompli jsaħħaħ il-qasam edukattiv kemm fl-iskejjel tal-istat, kif ukoll f'dawk tal-Knisja u dawk indipendenti. Għaldaqstant, għal darb'oħra se nżidu l-baġit allokat għall-edukazzjoni biex dan se jlaħħaq mal-390.7 miljun ewro, żieda ta' 12-il miljun fuq is-sena li għaddiet.

Għal darb'oħra din is-sena se nkunu qed nieħdu l-impenn li nsaħħu l-baġit allokat għall-edukazzjoni obbligatorja kemm fl-iskejjel tal-Istat, kif ukoll fl-iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti. Dan permezz ta' aktar investiment fl-infrastruttura, fir-riżorsi tal-istudenti u l-għalliema, kif ukoll fis-servizzi ta' sapport speċjalizzat, bl-għan li kull student ikun storja ta' suċċess.

**L-Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata**

Mr. Speaker,

Fost is-suċċessi li lħaqna fil-qasam ogħla u avvanzat, naraw kif ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' żgħażagħ ta' 17-il sena telgħet għal 82 fil-mija fl-2011, minn 43 fil-mija fl-1999. Dan kien possibbli grazzi għall-investiment li sar fl-aħħar snin biex saħħaħna l-istituzzjonijiet post-sekondarji b'apparat modernizzat u b'faċilitajiet oħra. Dan filwaqt li żidna n-numru ta' korsijiet f'livelli u setturi differenti. Jekk nieħdu l-Università ta' Malta, l-MCAST u l-ITS, naraw li fl-aħħar erba' snin, igradwaw 20,000 student. Pajjiżna jinsab fil-quċċata tal-klassifika tal-gradwati li jirnexxielhom isibu impjieg fi żmien tliet snin minn meta gradwaw. B'rata ta' 93 fil-mija, Malta tinsab bil-bosta 'l fuq mill-medja Ewropea ta' 76.4 fil-mija.

Matul dawn is-snin rajna wkoll żieda sostanzjali fl-istipendji biex, filwaqt li fl-2008 kellna 15,000 student jieħu l-istipendju b'investiment ta' 19-il miljun ewro, issa n-numru ta' studenti ntitolati għall-istipendju tela' għal 19,000, b'nefqa ta' 23 miljun ewro.

Biex inkomplu nsaħħu is-sistema tal-istipendji għal dawk l-istudenti li għandhom bżonn aktar għajnuna finanżjarja, se nżidu l-istipendju supplimentari. Huwa stmat li madwar 1,400 student fil-livell post sekondarju u terzjarju se jgawdu minn żieda ta' 300 ewro f'sena akkademika. Għal dan il-għan qed nallokaw 400,000 ewro.

Bdejna wkoll ix-xogħol biex studenti b'diżabilità ġewwa l-Università ta' Malta jsirilhom assessment personalizzat li juri l-ħtiġijiet tagħhom, u biex ma jkollhom l-ebda xkiel fl-istudju terżjarju tagħhom. B'dan il-mod kull student b'diżabilità se jingħata pakkett finanzjarju li jwieġeb għall-ħtiġijiet edukattivi tiegħu jew tagħha. Din il-miżura għandha tinfirex ukoll fuq studenti b'diżabilità fil-livell post sekondarju u terżjarju.

Bdejna l-kostruzzjoni tal-Campus il-ġdid tal-MCAST, b'investiment ta' 130 miljun ewro. L-ewwel binja se tkun lesta fl-ewwel xhur tal-2013. Barra minn dan, bdew it-tħejjijiet għall-bini ta' campus ġdid tal-ITS ġewwa Pembroke.

F'dawn l-aħħar snin sar ukoll investiment qawwi fl-Università ta' Malta li laħħaq kważi l-40 miljun ewro, u li ssarraf f'bini ta' fakultajiet ġodda, bħal dik tal-ICT, u faċilitajiet fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija, l-enerġija mekkanika, il-bioloġija, u l-kimika.

Bejn l-2006 u l-2012, ingħataw 'il fuq minn 2,000 borża ta' studju f'livell ta' undergraduate, masters u dottorat. Dan minbarra li

ngħataw boroż ta' studju fl-arti u, minn din is-sena, fl-isports ukoll, b'investiment ta' 19-il miljun ewro. Qed nagħtu wkoll opportunitajiet ta' studju u taħriġ permezz ta' boroż ta' studju fl-oqsma tal-finanzi u t-teknoloġija. Issa se nkomplu nżidu l-Boroż ta' Studju u se nniedu skema ġdida marbuta mal-ilsna barranin biex l-istudenti jkunu mħarrġa fil-qasam tat-traduzzjoni u interpretazzjoni ta' lingwi, partikolarment fl-Għarbi, iċ-Ċiniż, u l-iSpanjol.

L-iskema *Get Qualified* s'issa għenet aktar minn 2,000 student permezz ta' *tax credits* li jammontaw għal 7.6 miljun ewro. Din l-iskema għandha l-għan li tgħin lil studenti u individwi sabiex jiksbu l-kwalifiki meħtieġa, u biex l-industrija lokali ssib ħaddiema mħarrġa, u b'hekk tkompli tikber. Hija l-intenzjoni tal-Gvern li jkompli jħaddem din l-iskema, u li jkompli jħeġġeġ aktar studenti jipparteċipaw fiha.

Id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja jaħdem ukoll biex joffri korsijiet f'suġġetti varji u f'livelli differenti. Sal-2008, il-parteċipazzjoni fil-korsijiet offruti f'dan is-settur kienet ta' 7,258 persuna. Sa din is-sena, din il-parteċipazzjoni aktar milli rduppjat biex issa qbiżna is-16,000 persuna li qed jattendu xi kors tal-adulti jew fl-iskejjel tal-Mużika, l-Arti u d-Drama. Dan id-Direttorat waħdu llum qed jipprovdi tagħlim tul il-ħajja lil 4.2 fil-mija tal-popolazzjoni adulta f'Malta u Għawdex.

Wara li nedejna qafas regolatorju ġdid fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla, se nkomplu naħdmu biex nimplimentaw ir-regolamenti dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali, kif ukoll dawk dwar il-liċenzjar, akkreditament u assikurazzjoni ta' kwalità tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla.

## 6.2 Il-Qasam taż-Żgħażagħ

Mr. Speaker,

Aħna nemmnu fiż-żgħażagħ tagħna.

Nedejna l-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ li qed isservi bħala boxxla għall-Aġenzija Żgħażagħ li waqqafna ftit anqas minn sentejn ilu. L-Aġenzija hija l-vuċi taż-żgħażagħ waqt it-tfassil tal-*policies* tal-Gvern u xprun għal numru ta' inizjattivi favur iż-żgħażagħ.

L-Aġenzija Żgħażagħ bdiet toffri programmi ta' *empowerment* biex jingħata aċċess liż-żgħażagħ ikunu parteċipi diretti fis-soċjetà tagħna. Daħħalna skema li, permezz tagħha, qed ngħinu lill-każini tal-banda fi proġetti ta' tagħlim mużikali għaż-żgħażagħ.

Qed nifthu numru ta' ċentri mmirati għall-ġenerazzjoni żgħażugħa, bħal dawk ġewwa Ħad-Dingli u Marsaxlokk. Ftaħna żewġ *Youth Cafès* fil-Qawra u l-Imsida, u se jinfetħu tnejn oħra fil-Belt Valletta u l-Birgu. Dan minbarra *Youth Stop* fil-Belt Valletta li ser ikun *one-stop-shop* fejn iż-żgħażagħ jiksbu informazzjoni u servizzi soċjali u edukattivi.

Nedejna wkoll is-servizz Karta Żgħażagħ, li toffri aktar minn 60,000 skont differenti f'Malta jew barra, biex ngħinu liż-żgħażagħ f'oqsma bħal dawk tal-kultura, l-ivjaġġar, l-akkomodazzjoni, u sevizzi oħra.

Matul is-sena tajna għajnuna finanzjarja lil diversi għaqdiet taż-żgħażagħ. Issa se nniedu skema ġdida biex niffinanzjaw proġetti mtella' mill-istess għaqdiet. Għal dan il-għan se nkunu qed nallokaw is-somma ta' 120,000 ewro.

## 6.3 Sport

Mr. Speaker,

Matul din il-leġislatura kabbarna l-impenn biex indaħħlu kultura sportiva fost il-poplu tagħna. Assistejna bil-kbir lill-għaqdiet sportivi lokali biex dawn ikomplu jinvestu fil-faċilitajiet u d-dixxiplini sportivi tagħhom.

Saħħaħna l-qasam sportiv u nedejna l-i*Sport Promotion Unit* biex illum aktar minn 31,000 tifel u tifla jieħdu sehem fi programm sportiv. Madwar 8,450 student fl-iskejjel primarji wkoll qed jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' ħiliet bażiċi fl-isport.

Kabbarna l-programmi sportivi u frixna ċ-ċentri minn fejn jiġu provduti dawn il-programmi. Dan minbarra li nedejna programmi sportivi ġodda għan-nisa, l-anzjani u persuni b'diżabilità. F'dawn il-programmi ħadu sehem aktar minn 14,000 persuna.

Investejna bil-kbir fil-faċiliatjiet sportivi. Ftaħna l-Kumpless Sportiv f'Ħal Kirkop b'investiment ta' 3.5 miljun ewro. Sar xogħol ta' modernizzar fil-Kumplessi f'tal-Qroqq u l-Kottonera. Is-sena d-dieħla se jibda l-bini ta' kumpless sportiv fil-Kulleġġ San Injazju f'Tal-Ħandaq. Bnejna numru ta' faċilitajet sportivi oħra fl-iskejjel biex issa aktar minn 34 għaqda sportiva qed jużaw dawn l-istess faċilitajiet.

Ftaħna faċilitajiet ta' *High Ropes* f'Ta' Qali u Għajn Tuffieħa, ftaħna *outdoor fitness centres* f'Ta' Qali, il-Mellieħa u Ħaż-Żabbar, u se niftħu ħames ċentri oħra ġewwa Ħ'Attard, Ħal Qormi, is-Swieqi, is-Siġġiewi, u Baħar iċ-Ċagħaq.

Qed ngħaddu miljuni ta' ewro kull sena f'assistenza lill-għaqdiet sportivi permezz ta' 26 skema. 115-il għaqda sportiva ngħatatilhom 129 art pubblika, b'valur ta' kważi 47 miljun ewro.

Tajjeb insemmi wkoll li, flimkien mal-Malta Football Association, investejna fi 33 *pitch* tal-football bit-*turf* sintetiku, u se nagħmlu 19-il *ground* ieħor fix-xhur li ġejjin. Fosthom insemmi dawk tal-Mosta, il-Mellieħa, is-Siġġiewi, u issa anke tan-Naxxar u Santa Venera. Dan b'investiment totali ta' disa' miljun ewro, li 500,000 minnhom se jmorru fi *grounds* f'Għawdex.

Mr. Speaker,

Qed nivvutaw ukoll nofs miljun ewro fuq sentejn biex tiġi żviluppata faċilità għall-isport tar-rugby. Il-Gvern approva t-trasferiment ta' 30 tommna art għal dan il-proġett.

F'dan il-Baġit ukoll qed inniedu skema oħra biex inkomplu nsaħħu lill-għaqdiet sportivi, filwaqt li nkomplu nilħqu l-miri li poġġejna quddiemna dwar l-enerġija u l-ambjent. Il-Gvern se jiffinanzja *energy audits* li jagħmlu l-għaqdiet sportivi fuq il-faċiiatjiet tagħhom biex, permezz ta' dawn, ikun stabbilit kif il-faċilità tista' titħaddem b'użu ta' anqas enerġija.

L-iskema għat-turiżmu sportiv ġġenerat aktar minn 134,000 *bednight* fl-aħħar tliet snin. Huwa stmat li dawn ħallew mas-7.3 miljun ewro f'pajjiżna. Għas-sena d-dieħla se nerġgħu nżidu l-allokazzjoni fuq din l-iskema.

Nemmnu fuq kollox fil-potenzjal tal-atleti tagħna u, għall-kuntrarju tax-xettiċiżmu li wrew xi wħud, għall-ewwel darba ftaħna l-bibien fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport għal 38 student u studenta fl-ewwel sena tal-iskola sekondarja.

Qed nassistu wkoll lill-atleti b'numru ta' skemi li jiffaċilitaw t-taħriġ u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-isport. Fost l-oħrajn, introduċejna t-*20/20 sport-training leave scheme* li, permezz tagħha, atleti ġew ingaġġati bħala rekluti fil-Forzi Armati ta' Malta, u nedejna *leave* speċjali għal dawk l-atleti li jkunu se jikkompetu f'pajjiżna. Se nkomplu nassistu lill-istess atleti billi nikkumplimentaw din l-iskema għall-kowċis tagħhom ukoll, kemm dawk li jaħdmu fis-servizz pubbliku kif ukoll f'dak privat.

Se nniedu skema wkoll biex ninċentivaw aktar familji jagħmlu eżerċizzju fiżiku fid-dar tagħhom. Dawn se jirċievu rifużjoni ta' 15.25 fil-mija fuq il-valur ta' apparat sportiv għall-użu personali fid-djar tagħhom.

Fl-aħħar sentejn, il-Gvern beda jagħti inċentiv fiskali lill-ġenituri li jibgħatu 'l uliedhom fi progarmmi tal-Kunsill Malti għall-Isport jew f'*nurseries* u akkademji tal-isport reġistrati mal-KMS. Dan it-tnaqqis ilaħħaq massimu ta' 100 ewro fuq il-miżata. Permezz ta' din l-iskema aktar minn 4,000 familja diġà ffrankaw mal-400,000 ewro taxxa.

# 7. Il-Familji u l-Qasam Soċjali

Mr. Speaker,

Il-familja tibqa' l-pilastru fundamentali li fuqha ssostni ruħha s-soċjetà Maltija. Il-Gvern japprezza l-isfidi kbar li jsibu quddiemhom il-familji tagħna, b'mod partikolari ġenituri żgħażagħ. Aħna rridu ngħinuhom jegħlbu dawn l-isfidi. Irridu nħarsu li l-ħaddiema tagħna jsibu bilanċ akbar bejn il-ħajja familjari u dik tax-xogħol.

Il-baġits li ressaqna f'din il-leġislatura ħasbu biex insaħħu l-kwalità tal-ħajja tal-familji tagħna. Għajnuniet li jinċentivaw rwol aktar attiv għall-anzjani, għall-persuni b'diżabilità u persuna oħra bi bżonnijiet speċjali. Investejna aktar f'kura ta' kwalità ogħla għat-tfal u adoxxenti.

Dan il-Baġit se jkompli jwieżen lil min hu fil-bżonn. Se nkomplu ninvestu fl-aqwa servizzi tas-saħħa. Se nkomplu ngħinu lill-anzjani, lit-tfal, persuni b'diżabilità u lill-persuni bi bżonnijiet speċjali.

## 7.1 Is-Servizzi tas-Saħħa

Is-Saħħa għalina tibqa' prijorità bil-fatti. Għas-sena d-dieħla qed inżidu n-nefqa fis-saħħa b'38 miljun, għal total ta' 465 miljun ewro.

Il-qagħda finanzjarja mwegħra ta' bosta pajjiżi u Gvernijiet Ewropej fissret li dawn ma kellhomx għażla oħra ħlief li jqaċċtu l-investiment fuq is-saħħa. Ir-responsabbiltà tal-Gvern li jħares il-postijiet tax-xogħol u li jiżgura tkabbir ekonomiku, ippermettielna nkomplu ninvestu f'saħħtek b'aktar servizzi u bit-tisħiħ tas-servizzi preżenti.

Qed nagħtu l-opportunità għal edukazzjoni b'xejn liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin fil-qasam tas-saħħa. Dan għax irridu l-aqwa professjonisti fil-qasam mediku. Issa, il-maġġoranza tat-tobba Maltin komplew l-istudji tagħhom ta' speċjalizzazzjoni f'pajjiżna stess, f'kull settur kliniku, anke dak għat-tobba tal-familja. Dan fl-istess ħin li żidna l-opportunitajiet ta' studju speċjalizzat f'ċentri ta' eċċellenza barra pajjiżna.

Komplejna nsaħħu l-kwalità ta' servizzi fil-qasam tal-Kura Primarja permezz ta' xogħol estensiv fiċ-Ċentri tas-Saħħa tar-Rabat u tal-Mosta.

Mr. Speaker,

Biex inkomplu nnaqqsu l-*waiting lists* għall-operazzjonijiet, investejna fi ftehim mal-privat għal operazzjonijiet u għal proċeduri, bħal MRIs, operazzjonijiet fl-irkoppa, u kataretti.

Żidna radikalment in-numru ta' kundizzjonijiet kroniċi li għalihom eluf ta' persuni issa jistgħu jieħdu mediċini b'xejn. Dan wassal għal aktar minn 100,000 persuna li qed jingħataw mediċini b'xejn, u għal aktar minn 1,300 mediċina li tingħata b'xejn.

L-introduzzjoni tal-*Pharmacy-of-your-Choice* tejbet ħafna s-servizz fl-għoti tal-mediċini b'xejn lill-pazjenti. Investejna ħafna f'dan is-servizz, u llum għandna madwar 80,000 klijent li qegħdin igawdu minnha. Fis-sentejn li ġejjin se nkomplu nifirxu s-servizz fil-lokalitjiet li għad baqa'. Il-ftehim mal-Kamra tal-Ispiżjara u mal-GRTU dwar dan is-servizz issa se jiġġedded għall-ħames snin li ġejjin. Hawnhekk irrid nirringrazzja lill-ispiżjara u lil kull min hu nvolut fil-POYC għall-kontribut kbir li taw sabiex, ilkoll flimkien, għamilna suċċess minn dan il-proġett.

Mr. Speaker,

Ħarisna wkoll lejn sitwazzjonijet fejn persuni Maltin u Għawdxin ikollhom bżonn kura speċjalizzata lil hinn minn xtutna minħabba l-kundizzjoni tagħhom. Għalhekk, saħħaħna l-ftehim mar-Renju Unit u li, permezz tiegħu, matul dawn l-aħħar erba' snin aktar minn 1,400 persuna ntbgħatu għall-kura hemmhekk. Iffirmajna ftehim simili mal-Italja biex l-ewwel pazjenti Maltin sarilhom *lung transplant* hemmhekk.

**Il-Kura tal-Kanċer**

Din is-sena il-Gvern nieda programm nazzjonali ta' *screening* għall-kanċer – il-*Colorectal Screening*. Bi ħsiebna nkomplu nibnu fuq is-suċċess miksub mill-*breast screening programme* li wassal biex persuni ġew salvati mill-konsegwenzi serji tal-marda tal-kanċer tas-sider.

Investejna wkoll f'apparat teknoloġiku ġdid li jippermetti l-għoti tar-raġġi terapewtiċi b'mod ferm aktar preċiż. Dan b'investiment ta' tliet miljun ewro u li, permezz tiegħu, qed nagħtu kura aħjar lill-pazjenti tagħna. Eventwalment dan se jintuża wkoll fiċ-Ċentru l-ġdid tal-Onkoloġija, proġett importanti li dan il-Gvern qed jinvesti fih madwar 60 miljun.

Introduċejna l-*Vaccine* kontra l-virus assoċjat mal-kanċer tal-għonq tal-utru. Nisa żgħażagħ illum għandhom l-opportunità li jitlaqqmu kontra dan il-virus, b'xejn, fl-eta addattata.

Investejna wkoll fit-taħriġ li, permezz tiegħu, il-professjonisti li joffru kura lill-pazjenti bil-kanċer, jitħarrġu aktar fuq livelli differenti f'kull aspett, inkluż kif wieħed jikkomunika b'mod effettiv mal-pazjenti u l-familji vittmi ta' din il-marda.

Bis-saħħa tal-investiment sostanzjali fil-Politika Nazzjonali dwar il-Kanċer, f'dik dwar l-Obeżità, dwar is-Saħħa Sesswali, u dwar dawk li jissejħu *non-communicable diseases*, bħalma huwa l-mard tal-qalb u taċ-ċirkolazzjoni, pajjiżna llum għandu waħda mill-aktar sistemi tas-saħħa qawwija fir-reġjun ewropew.

**Prokreazzjoni Assistita**

Issa li lħaqna ftehim f'din il-Kamra dwar liġi li tirregola l-prattika tal-prokreazzjoni assistita, il-Gvern se jestendi s-servizzi tiegħu fl-obstetjatrija u, b'mod immedijat, se jibda r-*roll-out* biex jingħata s-servizz b'xejn tal-IVF lil dawk il-koppji eliġibbli għas-servizz. Dan huwa servizz li ilna tant nixtiequ nibdew noffru, u li ma stajniex fin-nuqqas ta' qafas regolatorju tal-operat tas-servizz.

**Żieda fis-Sisa fuq is-Sigaretti**

Bħal ma jiġri kważi kull sena, biex dejjem ninkoraġġixxu t-tnaqqis fil-konsum għal raġunijiet ta' saħħa, se tiżdied it-taxxa b'6 fil-mija fuq is-sigaretti u 8 fil-mija fuq it-tabakk.

## 7.2 Il-Qasam Soċjali

Mr. Speaker,

Dan huwa Gvern li jemmen fil-ġustizzja soċjali.

Gvern li jemmen fil-ħtieġa li t-tkabbir tal-ekonomija għandu jimxi id f'id mal-iżvilupp soċjali ta' pajjiżna. Anzi dan it-tkabbir jippermetti li nkomplu nsaħħu x-xibka ta' għajnuniet soċjali.

Għalhekk, qed naħdmu biex inkomplu nsaħħu l-qasam soċjali. Irridu li dan joffri dejjem iżjed opportunitajiet lil dawk l-aktar

vulnerabbli. Ħadna ħsieb lil min għandu l-aktar bżonn. Lill-familji u lit-tfal, lill-anzjani u lill-persuni b'diżabilità.

Għamilna dan għax kattarna l-investiment, ħloqna l-ġid, u saħħaħna l-ekonomija ta' pajjizna. Pajjiżi oħra sabu ruħhom f'defiċit finanzjarju u, biex jippruvaw isolvuh, ħolqu defiċit soċjali.

Għas-sena d-dieħla, in-nefqa tal-Gvern fuq benefiċċji soċjali se titla' 'l fuq minn 787 miljun ewro, żieda ta' 13.7 miljun ewro. Dan minbarra fondi oħra lil entitajiet u aġenziji li jaħdmu f'dan il-qasam.

Qed nerġgħu nżidu r-rati kollha tal-benefiċċji soċjali bl-ammont tal-COLA, biex ħadd ma jitlef benefiċċju minħabba ż-żieda. Din il-miżura tolqot lil madwar 112,000 persuna.

Matul din il-leġiżlatura daħħalna l-miżura fejn persuni b'diżabilità li jiżżewġu ma jkollhomx id-dħul tal-konjuġi tagħhom kunsidrat għall-fini tat-test tal-mezzi biex jikkwalifikaw għall-Pensjoni tad-Diżabilità.

Iddaħħal tibdil fil-Pensjoni tad-Diżabilità biex dawk li joħduha jkunu jistgħu jibqgħu jaħdmu u jaqilgħu sal-paga minima nazzjonali bla ma jitilfu xejn mill-pensjoni tagħhom.

Żidna l-benefiċċju taċ-*Child-in-Care* li jkopri tfal li jgħixu f'kura residenzjali jew fil-*fostering* għal €70 fil-ġimgħa.

Ħarriġna aktar minn 4,000 persuna fl-oqsma tal-ugwaljanza u l-anti-diskriminazzjoni.

Tajna għajnuna finanzjarja lil aktar minn 300 persuna b'diżabilità sabiex jagħmlu l-abitazzjoni tagħhom aktar aċċessibli.

Investejna aktar minn 12-il miljun ewro f'għaqdiet volontarji.

Iġġiliedna b'mod sistematiku u assidwu l-abbuż mill-benefiċċji soċjali, fejn il-Gvern s'issa diġà franka ftit aktar minn 16-il miljun ewro. Dawn qed imorru għand min verament għandu bżonn u jistħoqlu.

Irridu nkomplu nibnu fuq dan kollu bil-għan li nkompli nwieżnu il-qafas soċjali biex jonqos aktar ir-riskju ta' faqar, u flimkien nilħqu l-milja ta' soċjetà inklussiva.

*Benefiċċju tal-Enerġija*

Mr. Speaker,

Il-Gvern minn dejjem apprezza kif il-prezzijiet tal-enerġija jolqtu lill-familji tagħna. Dan l-apprezzament sarrfu fil-prattika billi daħħal il-benefiċċju tal-enerġija biex jgħin lill-familji vulnerabbli. Mill-2007 sal-lum il-Gvern ħareġ 22.6 miljun ewro permezz tal-benefiċċju tal-enerġija.

Mis-sena d-dieħla se ntejbu l-għotja li tingħata għall-gass billi din inżiduha minn €30 għal €40. Din hija stmata li tiswa madwar 300,000 ewro u minnha mistennija jibbenifikaw madwar 26,000 familja.

*Ir-Riforma fil-Pensjonijiet*

Mr. Speaker,

F'dan il-Baġit qed nipproponu li titkompla r-riforma fil-pensjonijiet.

Minn Jannar li ġej, se jingħataw krediti ta' kontribuzzjonijiet lil dawk il-ġenituri mwielda bejn l-1 ta' Jannar 1952 u l-31 ta' Diċembru 1961 li waqfu mix-xogħol biex irabbu lit-tfal tagħhom.

Peress li dawn il-ġenituri se jesperjenzaw żieda fil-bażi tas-snin ta' kontribuzzjonijiet għal persuni minn 30 sena sa 35 sena, inħasset il-ħtieġa li dawn ukoll jibbenefikaw proporzjonalment għal dak li bbenefikaw għalih ġenituri mwielda mill-1 ta' Jannar tal-1962.

Għaldaqstant, ġenituri mwielda bejn l-1 ta' Jannar 1952 u l-31 ta' Diċembru 1961 se jingħataw sena kontribuzzjonijiet akkreditati għal kull wild, jew f'każ ta' tarbija b'diżabilità, sentejn kontribuzzjoni akkreditata. Dan kemm-il darba l-ġenitur ikun waqaf mix-xogħol biex jieħu ħsieb it-tfal, u sussegwentament irritorna għax-xogħol bħalma hu l-każ ta' ġenituri mwielda wara l-1 ta' Jannar 1962.

*Riforma fis-Sistema tal-Pensjoni mhux Kontributorja għal Persuni b'Diżabilità*

Qed jiġi propost li jiżdiedu l-forom ta' diżabilità li għalihom tingħata l-pensjoni mhux kontributorja. Mill-1 ta' Jannar li ġej ukoll, se jiddaħħal mekkaniżmu wieħed li jiddetermina jekk il-persuna tikkwalifikax għall-Karta Speċjali tad-Diżabilità, tiġix reġistrata taħt ir-reġistru tal-ETC għal persuni b'diżabilità, jew għal Pensjoni għal Diżabilità taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

B'hekk, b'sistema waħda, il-persuna b'diżabilità jkollha anqas skariġġ, u s-sistemi u servizzi għal persuni b'diżabilità jitfasslu b'mod li din tkun tista' tgħix ħajja aktar indipendenti.

Qed jiġi propost ukoll li l-miżura favur persuni b'diżabilità li jiżżewġu, tiġi estiża minn Jannar li ġej għal dawk il-persuni li żżewġu qabel is-6 ta' Jannar 2007. B'din il-miżura, żewġ persuni b'diżabilità miżżewġin qabel Jannar 2007 se jkunu ntitolati għall-pensjoni lil kull persuna, bħal żewġ persuni b'diżabilita li żżewġu wara Jannar 2007.

**Il-Ħarsien tat-Tfal**

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern jemmen bi sħiħ li t-tfal huma l-ġejjieni ta' pajjiżna, liema ġejjieni jibda mil-lum. Huwa ta' importanza fundamentali li dawn jikbru f'qafas stabbli fejn ikollhom dak kollu li jeħtieġu. Bħalissa hawn madwar 500 każ ta' tfal li ma jistgħux jgħixu mal-familji tagħhom: minn dawn għandna madwar 350 li jinsabu taħt Ordni ta' Ħarsien.

Għal dan il-għan, se nkomplu bil-ħidma fuq strateġija nazzjonali fil-qasam tal-ħarsien tat-tfal li qed jgħixu barra mid-dar naturali tagħhom. Minbarra li nsostnu s-servizzi li qed jaħdmu f'dan il-qasam, inħarsu 'l quddiem u nipprovdu alternattivi biex il-pajjiż ilaħħaq mad-domanda soċjali ta' trobbija alternattiva għal dawn it-tfal. Huwa għalhekk li f'dan il-Baġit qed nipproponu li s-servizzi u s-sapport kollu li jingħata lill-tfal taħt Ordni ta' Ħarsien għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tat-tfal kollha li huma f'*Out-of-Home Care,* irrispettivament mill-istatus legali tagħhom.

Irridu naslu fi ftehim ukoll ma' numru ta' strutturi li jilqgħu fihom il-minuri. Għandu jkun hemm spazju biżżejjed biex f'każi ta' emerġenza, dawn ikollhom postijiet riżevati biex jilqgħu lil dawn it-tfal, isir l-assessjar professjonali tagħhom, u tkun identifikata akkomodazzjoni aktar permanenti għalihom. Din l-inizjattiva mistennija tiswa 280,000 ewro.

Il-Gvern qed jipproponi wkoll li jwaqqaf dar residenzjali biex jindirizza b'mod attiv il-problema eżistenti fejn, aħwa li jkunu qed jitrabbew flimkien f'xi istituzzjoni, jkollhom jinfirdu f'istituzzjonijiet differenti li jagħtu residenza lill-bniet jew lis-subien. Din l-inizjattiva mistennija tiswa 300,000 ewro.

Tinħass ukoll il-ħtieġa li tinsab soluzzjoni effettiva għal dawk it-tfal li jgħaddu minn perjodi diffiċli li jaffettwawlhom l-imġieba tagħhom. Għaldaqstant, qed nipproponu li l-Gvern jasal ukoll fi ftehim ma' entitajiet eżistenti biex tiġi mwaqqfa Faċilità Terapewtika li toffri aktar sigurtà lil dawn it-tfal. Dan bi spiża ta' 400,000 ewro.

Dan flimkien ma' Programm apposta għal dawn it-tfal sabiex b'hekk mhux biss jiġi evitat li jgħaddu minn trawma iżda jingħataw ukoll għajnuna.

Mr. Speaker,

Il-Gvern huwa konxju wkoll tal-problema ta' dawk iż-żgħażagħ li joħorġu minn djar li joffru kura residenzjali u li ma jsibux lil min jilqagħhom. Għaldaqstant, se nesploraw l-possibbiltà li jsir programm ta' sapport għal dawn iż-żgħażagħ biex, barra li jingħataw residenza temporanja, jew permanenti, ikollhom ukoll kull għajnuna meħtieġa f'din il-fażi tranżitorja.

Biex iwettaq dan kollu, is-servizzi soċjali personalizzati pubbliċi jridu jaħdmu qrib il-familji li jeħtiġuhom. Dan biex ikunu f'pożizzjoni aħjar li jwasslu l-appoġġ u l-għajnuna kollha meħtieġa direttament fil-komunitajiet. Għalhekk, ftaħna erba' Aċċessi fil-Qawra, l-Imsida, il-Birgu u l-Belt Valletta. Is-sena d-dieħla se niftħu żewġ Aċċessi oħra, wieħed f'Għawdex u l-ieħor f'Birkirkara.

Il-Gvern huwa kommess ukoll li jtejjeb il-provedimenti legali li jirregolaw l-addozzjoni, b'mod partikolari biex *open adoptions* f'pajjiżna jinfetħu wkoll għal tfal taħt il-11-il sena.

**Persuni b'Diżabilità**

Il-bażi li tippermetti li persuni b'diżabilità jintegraw ruħhom fis-soċjetà sserraħ fuq tliet pilastri: l-edukazzjoni, ix-xogħol u l-għajxien sapportjat.

F'dak li hi l-edukazzjoni tal-persuni b'diżabilità, saru avvanzi kbar. Illum, ir-rata ta' tfal li mhux qed jattendu l-*main stream education* niżel għall-0.15 fil-mija. Dan hu frott l-investiment qawwi li l-Gvern għamel f'dan is-settur.

L-istess avvanzi saru fil-qasam tax-xogħol fejn, madwar 1,300 persuna b'diżabilità daħlu fid-dinja tax-xogħol, twaqqfet il-Koperattiva Me2, u tnediet l-iskema fejn Kunsilli Lokali qed iħaddmu magħhom mat-80 persuna b'diżabilità. Se nestendu din l-iskema għal għaqdiet volontarji u entitajiet governattivi oħra biex noħolqu madwar 150 impjieg ieħor għal persuni b'diżabilità fil-komunità, 50 minnhom f'Għawdex.

Konxju mill-ġid li jista' joħroġ għal persuni b'diżabilità bit-twaqqif tal-koperattiva Me2, il-Gvern se jsostni din il-koperattiva bl-ingaġġ ta' aktar riżorsi umani professjonali. Bl-għan li nibnu fuq is-suċċess tagħha, se nkomplu għaddejjin bil-pjan li ndaħħlu l-kunċett ta' koperattiva soċjali fil-liġijiet tagħna. Dawn it-tip ta' koperattivi se jkunu aġevolati fil-*procurement* pubbliku.

Il-Gvern hu wkoll kommess li jinċentiva l-għajxien sapportjat tal-persuni b'diżabilità. Ftaħna ċ-Ċentru Sonia Tanti. Tnieda *Software Maltese Speech Engine*. Ftaħna dar għall-minuri b'diżabilità f'Birżebbuġa. Qed naħdmu ma' għaqdiet volontarji biex jingħata kenn u wens lill-persuni b'diżabilità.

Il-Gvern huwa kommess li jkompli jestendi s-Servizzi ta' Matul il-Jum lill-persuni b'diżabilità bbażati fil-komunità. Kommess

ukoll li jħaddan aktar mudelli ġodda fis-Sevizzi ta' Matul il-Jum, ibbażati f'ċentri li jiffukaw aktar fuq għajxien indipendenti sapportjat. Din l-inizjattiva tkun megħjuna permezz tal-bini ta' Ċentri ġodda u moderni li jilħqu l-aspettattivi u l-bżonnijiet kollha tal-persuni b'diżabilità.

B'mod parallel, f'dan il-Baġit qed nipproponu li s-servizzi ta' sapport li jingħataw fil-komunità jkunu dejjem iżjed mibnija madwar il-persuna u l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet speċifiċi tagħha.

Fil-preżent, persuni li jkunu għalqu l-65 sena ma jkunux jistgħu japplikaw għal benefiċċji fuq vetturi. Minn issa 'l quddiem, se nwessgħu l-ħsieb tagħna biex, dawk il-persuni li diġà kellhom xi applikazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali Persuni b'Diżabilità qabel ma jagħlqu l-65, jibbenefikaw minn oħra, anke wara din l-età. Aktar minn hekk, dawk il-persuni li jkunu għalqu l-65 sena, u li qatt ma kienu reġistrati mal-KNPD, iżda li jipprovdu ċertifikazzjoni medika li turi li kellhom dik il-kundizzjoni minn qabel il-65 sena, ikunu eliġibbli wkoll. Qed isir ukoll studju biex, jekk hu possibbli, jitwessgħu l-kundizzjonijiet eliġibbli.

*Tnaqqis ta' Taxxa għal Persuni b'Diżabilità*

Mr. Speaker,

Il-Gvern naqqas it-taxxa għal miżati mħallsa minn persuni li jkunu residenti fi djar tal-anzjani privati. Issa, qed nestendu dan it-tnaqqis għal persuni b'diżabilità li jħallsu miżati għal residenza fi djar jew ċentri ta' *respite* jew għall-servizzi ta' sapport fil-komunità. It-tnaqqis jingħata lill-ġenituri jew qraba li jħallsu dawn il-miżati. It-tnaqqis huwa sa massimu ta' 2,500 ewro.

Il-Gvern huwa kommess li kull sena jkompli jżid is-servizzi residenzjali għall-persuni b'diżabilità li ma jkunux jistgħu jibgħu jgħixu mal-familji tagħhom. Fis-sena li ġejja, il-Gvern se jiftaħ residenza għall-persuni b'diżabilità ġewwa Għawdex bi sħab ma' għaqdiet volontarji, u qed jalloka nofs miljun ewro għal dan.

**Volontarjat**

Il-Volontarjat minn dejjem ifforma parti importanti fil-ħidma kontra l-eskluzjoni soċjali f'pajjizna. Il-firxa ta' sevizzi li jistgħu jiġu offruti permezz tal-volontarjat hija kbira u għalhekk huwa settur li l-Gvern dejjem tah l-importanza li tixraqlu. Fil-fatt in-nefqa għal dan l-iskop matul dawn l-aħħar snin baqgħet tiela'. Għas-sena d-dieħla, qed nivvutaw erba' miljun ewro, żieda ta' 1.1 miljun ewro fuq l-2012.

Iż-żgħażagħ tagħna jaħdmu b'mod sħiħ u regolari fil-qasam voluntarju, kemm lokali u barrani. Minn hawn irrid nuri r-rikonoxximent tal-poplu tagħna lejn dan il-kontribut siewi li qed jagħtu, u ta' dan nirringrazzjawhom. Din is-solidarjetà napprezzawha u għalhekk se nappoġġjawha bil-fatti.

Mis-sena d-dieħla, se nibdew nagħtu stipendju lil dawk iż-żgħażagħ li jkollhom sa 25 sena, jew li sa tliet snin wara li jigradwaw mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni terzjarja tagħna, jgħaddu sena jaħdmu b'mod voluntarju barra l-pajjiż.

Il-Gvern jemmen li m'għandux biss jinkoraġġihom, iżda jsostnihom finanzjarjament ukoll. Kull persuna tista' tibbenifika minn din l-iskema darba biss. Għal dan il-għan, qed nivvutaw 600,000 ewro.

Qed jiġi propost ukoll li jingħataw krediti ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali lil dawk iż-żgħażagħ li jagħmlu volontarjat

f'pajjiżna jew barra minn Malta. Dawn il-krediti jingħataw biss għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin u, wara li dawn iż-żgħażagħ ikunu daħlu lura fil-ħajja tax-xogħol, għal aktar minn ħames snin.

Is-settur tal-Volontarjat, apparti l-fatt li huwa ħolqa essenzjali fil-katina soċjali, huwa wkoll b'mod indirett kontribur ekonomiku. Dan huwa rikonoxxut mill-Gvern u għalhekk qed nipproponu li, dawk l-organizzazzjonijiet li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji tal-2007 u leġislazzjoni relatata, jiġu eżentati mit-taxxa fuq id-dħul.

Qed nivvutaw ukoll 70,000 ewro bil-għan li l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat imexxi b'mod dirett, u jassisti, lill-istess organizzazzjonijiet fit-twettieq ta' proġetti ta' taħriġ fl-oqsma diversi tagħhom.

**Ugwaljanza u Inklużjoni Soċjali**

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern ħadem biex is-soċjetà Maltija tkun dejjem aktar inklussiva u protetta minn każijiet ta' diskriminazzjoni. Se nibnu fuq is-suċċess tal-proġett *Embark for Life*, bi programm ġdid, li għalih qed nivvutaw 150,000 ewro. Dan il-proġett għandu jkompli joffri sapport liż-żgħażagħ li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali.

Dan il-Gvern jemmen ukoll bis-sħiħ li l-vjolenza, b'mod partikolari dik domestika, hija kundannabbli fil-forom kollha tagħha. Għaldaqstant, se titkompla kampanja ta' edukazzjoni fuq is-suġġett u se tingħata aktar għajnuna lill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika biex din tkun tista' taqdi aħjar il-

funzjonijiet tagħha, inkluż dawk ta' riċerka u statistika. Qed nipproponu wkoll li jkun hemm *Sexual Assault Response Team* jaħdem mill-isptar Mater Dei biex dawk affettwati jsibu l-appoġġ meħtieġ.

**Il-Qasam tad-Djar**

Mr. Speaker,

Fil-qasam tad-djar, ħrigna aktar minn 20 skema, b'investiment ta' aktar minn seba' miljun ewro, u allokajna aktar minn 500 post tal-Gvern.

L-Awtorità tad-Djar wettqet diversi proġetti ta' tisbiħ fil-madwar tal-oqsma tad-djar tal-Gvern. Se nkomplu b'dawk l-iskemi fl-2013.

Bdejna proċess ta' reviżjoni fuq l-iskemi kollha bil-għan li dawn ikunu aktar inklussivi għall-ħtiġijiet u diffikultajiet tal-applikanti tagħna. Qed tingħata attenzjoni speċjali għal dawk l-aktar vulnerabbli. L-iskema Nirranġa d-Dar Tiegħi tgħin lill-anzjani tagħna jibqgħu fil-komunità. Kien hemm 166 applikazzjoni għal din l-iskema.

*Skema Kiri*

Matul din is-sena ħriġna skema ġdida li stiednet lis-sidien ta' appartamenti privati biex jikru l-post tagħhom għal 10 snin u b'hekk ikun eleġibbli biss għal 5 fil-mija taxxa fuq id-dħul mill-kirja. S'issa, l-Awtorità kriet madwar 165 post u l-bqija jinsabu fil-proċess ta' evalwazzjoni. Huwa maħsub li l-Awtorità terġa' toħroġ din l-iskema għal lokalitajiet, l-aktar fejn hemm it-talba mil-klijenti tagħha.

*Minn konvenji għal kuntratt finali*

Komplejna bil-ħidma biex persuni li, għal diversi snin kellhom id-dar tagħhom fuq konvenju, jkunu jistgħu jagħmlu l-kuntratt finali. Kien hemm 170 familja li, wara diversi snin, saru finalment sidien tad-dar tagħhom.

*Skemi Ninvesti fid-dar tiegħi, Skema Darek Facli, finishing ta' appartmenti u garages u skema ta' bejgħ.*

Ħriġna l-iskema *Ninvesti fid-Dar Tiegħ*i għal dik il-proprjetà li, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kienet ittieħdet mill-Gvern għal skopijiet ta' bini soċjali. Wara li l-Gvern tal-ġurnata kien xtara din l-art mill-werrieta tas-sidien bir-rati kummerċjali tal-ġurnata, stedinna lir-residenti biex, jekk iridu, jixtru l-appartament tagħhom b'rata sussidjata.

Matul din is-sena, frixna din l-opportunità għal 1,500 residenti oħra f'binjiet tal-Gvern biex huma wkoll isiru sidien ta' darhom. Dan qed isir għaliex meta wieħed huwa sid ta' daru, hemm anqas problemi soċjali u aktar sens ta' responsabbiltà. Barra li l-prezzijiet tal-bejgħ kienu sussidjati, kien hemm termini ta' ħlas fuq perjodu ta' 12-il sena mingħajr interessi.

*First time buyers*

Matul din is-sena l-Awtorità ħarġet skema oħra li tgħin lil dawk li jixtiequ jixtru mill-privat. L-Awtorità qed tgħin lill-ewwel 300 applikant li jikwalifikaw b'2.5 fil-mija fuq l-interessi mill-*loans* mal-banek għall-ewwel tmien snin. Fil-kaz li l-applikanti li jibbenefikaw huma ġejjin mid-djar tat-tfal jew *shelters*, qed jingħataw 10 snin. B'din l-inizjattiva, l-applikanti se jibbenefikaw sa 14,000 ewro f'sussidju fuq il-*loan* tagħhom. Din l-iskema se terġa' tinfetaħ għas-sena d-dieħla.

## 7.3 Il-Kura tal-Anzjani

Mr. Speaker,

Pajjiżna huwa obbligat li jsostni b'kull mod possibbli lill-anzjani li b'ħidmiethom bnew lil pajjiżna kif ingawduh illum. Il-Gvern jibqa' jaħdem b'kull mezz possibbli biex l-anzjani kollha jkollhom l-għodda neċessarji u jibqgħu parti integrali mis-soċjetà.

Għal sena oħra, aktar minn 80,000 pensjonant se jerġgħu jirċievu ż-żieda sħiħa għall-għoli tal-ħajja. Mill-2008 il-Gvern żied il-pensjonanti b'1,211 ewro fis-sena.

Se nkomplu nindirizzaw l-anomalija fil-pensjonijiet tas-servizz fejn l-ammont eżenti se jiżdied b'€200 oħra, biex b'kollox 1,266 ewro mill-pensjoni tas-servizz illum hija eżenti.

Fil-baġit tas-sena li għaddiet, ħabbarna għotja ġdida ta' 300 ewro fis-sena lil aktar minn 13,000 anzjan u anzjana li jgħixu fi djarhom b'mod indipendenti u li għalqu it-80 sena. Nemmnu li din l-*allowance* għandha tiġi estiża fuq numru ta' snin għal dawk l-anzjani li għandhom 75 sena jew aktar. Għalhekk, mis-sena li ġejja, din se tiġi estiża għall-anzjani li għandhom 78 sena jew aktar. Huwa maħsub li madwar 2,000 anzjan ieħor se jibbenifika minn din l-għotja, li mistennija tiswa' 1.5 miljun ewro fis-sena. Fl-2014, l-għajnuna tibda tingħata mill-età ta' 75 sena jew aktar.

Fl-istess waqt, minn Jannar li ġej id-dritt għal krediti ta' kontribuzzjonijiet li qed jingħataw lil persuni li jikkwalifikaw għal Pensjoni tal-Wens, se jiġi estiż biex ikopri anke lil persuni li ma jikkwalifikawx għal din il-Pensjoni minħabba t-test tal-mezzi, kif ukoll għal persuni li jkollhom iħallu x-xogħol tagħhom u jikkwalifikaw għal Għajnuna Soċjali.

Qed jiġi propost li l-inizjattiva għal dawk ir-romol li jiżżewġu u li jibqgħu jgawdu mill-pensjoni tar-romol, tiġi applikabbli minn Jannar li ġej għar-romol li żżewġu qabel is-6 ta' Jannar tal-2007. Qed jiġi propost ukoll li l-mekkaniżmu tal-Assistenza Supplimentari jiġi rivedut għall-pensjonanti li għandhom aktar minn 65 sena, f'każijiet fejn id-dħul tad-dar jaqa' taħt il-livell nazzjonali u li jitqies li l-familja hi f'riskju ta' faqar. B'hekk jiġi assigurat li din il-kategorija tal-popolazzjoni tingħata rata aktar għolja ta' Assistenza Supplimentari. F'każijiet bħal dawn, l-għajnuna supplimentari se tiżdied b'100 ewro fis-sena. Din l-inizjattiva se tiswa 1.2 miljun ewro.

Mr. Speaker,

Se ssir riforma fil-pensjoni tal-wens u l-għajnuna soċjali għal wens biex din tinbidel f'*Care Allowance*. Din se tingħata lil dawk li ma jaħdmux, jew waqfu mix-xogħol, biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb anzjani bi problemi ta' mobilità jew problemi oħra li jirrenduhom dipendenti, u għal dawk li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilità li għandhom bżonn għajnuna kontinwa. Dan biex ninkoraġġixxu aktar lil dawn in-nies jibqgħu jgħixu fid-djar mal-familjari tagħhom.

Bħalissa, fejn wieħed mill-koppja tkun residenti f'dar tal-anzjani tal-Gvern jew fi sptar, il-persuna li tibqa' d-dar tieħu 60 fil-mija tal-pensjoni. Mill-1 ta' Jannar, dik il-persuna se tieħu tal-anqas l-ekwivalenti tal-pensjoni mhux kontributorja jew 70 fil-mija tal-pensjoni, skont dak li jkun l-aktar vantaġġjuż għaliha.

Investejna riżorsi importanti biex nagħtu appoġġ lil anzjani li jbatu minn kundizzjonijiet li jxekklu l-għajxien tagħhom.

Sar investiment ta' 9 miljun ewro fi blokk ġdid f'San Vinċenz de Paule li, għall-ewwel darba, fih swali li huma *dementia friendly.*

Qed nagħtu servizz lill-persuni bid-dimensja mill-*memory clinic* fl-isptar Karin Grech. Waqqafna *helpline* flimkien mal-*Malta Dementia Society.* Ħrigna wkoll ktieb għat-tfal li tqassam fl-iskejjel kollha dwar din il-kundizzjoni.

Il-Gvern hu impenjat li jkompli jgħin lil dawn il-persuni. Għalhekk, fi ftit ġimgħat oħra se jibdew jingħataw il-pilloli b'xejn lil dawk li jbatu minn din il-kundizzjoni.

Sar ukoll xogħol ta' tisbiħ fl-isptar Żammit Clapp, li llum beda jservi bħala *Nursing Home* għal 96 anzjan.

Il-Gvern se jkompli jżid is-sodod għal dawk l-anzjani li jeħtieġu kura fit-tul. L-ammont ta' sodod f'Żammit Clapp se jitla' għal 129. Se nżidu wkoll 21 sodda fid-Dar tal-Anzjani taż-Żejtun, u 26 sodda fid-Dar tal-Mellieħa, 18 għal skop residenzjali u tmienja għal skop ta' servizz ġdid ta' *respite*. Dan se jfisser żieda totali ta' 80 sodda. B'kollox, f'din il-leġislatura se nkunu żidna 860 sodda għall-anzjani tagħna.

Ħriġna *expression of interest* biex, Casa Flamini ġewwa Raħal Ġdid, tiġi konvertita f'dar għall-anzjani u *night shelter*. Wara li jinħarġu t-*tenders*, jibdew ix-xogħolijiet fuq id-dar.

Sebbaħna l-isptar Karen Grech, li bħalissa qed jintuza temporarjament bħala sptar tar-rijabilitazzjoni. In-numru ta' sodod f'dan l-isptar issa tela' għal 239.

Iċ-Ċentri ta' Matul il-Jum huma esperjenza pożittiva fil-ħajja tal-anzjani tagħna. Fil-preżent għandna 19-il Ċentru li fihom jattendu madwar 2,000 persuna. Fil-ġimghat li ġejjin se jibdew joperaw żewġ ċentri oħra f'Ħal Kirkop u l-Imġarr.

Ftaħna tlett *Night Shelters* fiż-Żejtun, il-Mellieħa u San Vinċenz.

Żidna l-ikliet tal-*meals on wheels* biex illum qed jitħejjew mal-2,800 ikla kuljum fil-kċina tar-residenza ta' San Vinċenz li jitqassmu lill-anzjani u persuni oħra fil-komunitajiet tagħna.

**Il-Kura tas-Saħħa Mentali**

Mr. Speaker,

Il-Gvern ma xxaħħaħx ma' min hu l-aktar vulnerabbli. Fl-aħħar snin investejna biex tikber u tinfirex il-kura fil-komunità għal min ibati minn problemi ta' saħħa mentali. Illum għandna madwar 160 professjonist jaħdmu f'40 lokalità ma' pazjenti bħal dawn. Ftaħna ħames *day centres* ġodda biex dawn il-persuni jintegraw aktar fil-komunitajiet jkollhom bżonn anqas li jidħlu fl-isptar Monte Carmeli.

Barra minnhekk, l-iskema *Supportive Housing* takkomoda fi *flats* lil dawk il-persuni li ma jkollhomx fejn joqgħodu.

Immodernizzajna ċ-ċentru għar-rijabilitazzjoni ta' nies b'diżabiltà intelletwali fl-Isptar Monte Carmeli.

Twaqqaf il-*Crisis Intervention Team* bl-iskop li tingħata għajnuna f'każi ta' attentati ta' suwiċidju. Matul din is-sena dan it-tim għamel 1,146 intervent.

Fis-sena li ġejja, se tiġi fis-seħħ il-liġi ġdida li tirregola dan il-qasam li għandha twassal għal aktar involviment tal-persuni konċernati fis-servizzi li jkunu jeħtieġu.

## 7.4 Il-Qasam tal-Ġustizzja

Mr. Speaker,

F'din il-leġiżlatura twettqu bosta inizjattivi fil-qasam tal-ġustizzja li kull ma jmur qed ikompli jibbenefika minn riformi u

minn miżuri ġodda maħdumin fl-interess ta' soċjetà bbażata fuq pedament legali sod.

Is-sistema tar-*recording* f'kull awla tal-Qorti qalbet għal sistema diġitali.

Qed isir programm komputerizzat ta' interkonnettività bejn il-Qrati, l-Aġenzija tal-Avukat Ġenerali u l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Daħlet fis-seħħ ukoll sistema komputerizzata fl-għażla tal-ġurati, sistema li permezz tagħha l-proċedura ġiet imħaffa, aktar trasparenti, u li għenet biex it-taħrikiet lill-ġurati jiġu ġenerati b'mezzi elettroniċi.

Twaqqfet l-*Asset Management Unit* li hija primarjament responsabbli mill-iffriżar ta' assi ta' persuni akkużati bil-ħasil tal-flus.

Iċ-ċedoli ta' depożitu kollha fil-kamp kriminali ddaħħlu fis-sistema komputerizzata għal monitoraġġ aħjar ta' flejjes ta' terzi miżmuma mill-Qorti u kontroll aħjar tal-iżbank tagħhom.

Żdied in-numru ta' ġudikanti u ta' assistenti ġudizzjarji. L-impenn tagħna hu li matul is-sena li ġejja nkomplu nżidu l-assistenti ġudizzjarji biex tingħata l-aqwa għajnuna lill-ġudikanti biex imexxu l-każijiet b'effiċjenza.

Il-Gvern qiegħed jistudja wkoll il-possibilità li studenti tal-Liġi, fl-aħħar sena tal-kors tagħhom, jagħmlu taħriġ prattiku mal-membri tal-Ġudikatura. Din l-iskema tkun qiegħda mhux biss tagħti esperjenza *hands on* lill-istudent iżda toffri assistenza meħtieġa wkoll lill-Ġudikant waqt li fl-istess ħin tnaqqsas il-volum tax-xogħol minn fuq l-Assistent Ġudizzjarju li jkun jista' jiddedika aktar ħin għar-riċerka u żamma ta' seduti max-xhieda.

Is-sena li ġejja se naraw it-twettiq ta' inizjattivi li diġà beda x-xogħol fuqhom bħall-introduzzjoni tal-faċilità li l-atti jkunu jistgħu jiġu ppreżentati wkoll elettronikament, sistema fejn kull proċess ta' kawża ġdida jinżamm b'mod elettroniku, u jiddaħħal fis-seħħ proċess ta' depenalizzazzjoni ta' diversi kontravenzjonijiet u reati żgħar.

Fl-ewwel nofs tas-sena li ġejja jitlesta wkoll il-bini li se jospita l-ġudikanti u l-istaff tagħhom. B'hekk se jinħoloq aktar spazju fil-binja prinċipali tal-Qorti u jkunu jistgħu jinħolqu awli ġodda. Se jiġi finalizzat ukoll il-proċess biex ikollna binja ġdida għall-Qorti tal-Familja, filwaqt li fejn illum hemm il-Qorti tal-Familja jintuża għal Qorti speċjalizzata għal każijiet tad-droga.

# 8. Konklużjoni

Mr. Speaker,

Il-ħajja tagħna hija sensiela ta' għażliet waħda wara l-oħra. Meta nagħżlu ħaġa, inkunu qed inwarrbu ħafna oħrajn. Li huwa ċert huwa li ma nistgħux nagħżlu kollox.

Dan huwa baġit li qed isir f'ċirkostanzi fejn kull wieħed u waħda minna nafu fejn jinsab pajjiżna b'riżultat ta' l-għażliet li għamilna fl-erba' snin li għaddew. U f'ċirkostanzi fejn naraw madwarna t-taqlib ekonomiku kbir b'riżultat ta' l-għażliet li saru minn pajjiżi oħra fis-snin li għaddew.

Dan huwa baġit li b'aktar mod ċar jikkuntrasta, iqabbel, ir-riżultati miksuba minn għażliet responsabbli ma' dak riżultat ta' għażliet popolari.

Li tkun popolari faċli. Ma tridx wisq għerf. Imma li tkun responsabbli fl-għażliet diffiċli biss jista' jassigura futur sod ghal pajjiżna.

F'dan il-baġit il-Gvern qed jerġa' iressaq l-għażliet tiegħu.

Qed nagħżlu li nħarsu u nkattru x-xogħol.

Qed nagħżlu li ninvestu fl-edukazzjoni ta' uliedna u tal-poplu tagħna.

Qed nagħżlu li nsaħħu is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali tagħna.

Nixtiequ nagħmlu iżjed.

Iżda b'responsabiltà, qed nagħżlu li ma ngħabbux lil pajjiżna aktar milli jiflaħ. Wara kollox, il-familji tagħna jkunu jridu jħallsu l-prezz tal-għażliet ħżiena jekk inkunu irresponsabbli.

Madanakollu f'dan il-baġit żidna l-inċentivi biex noħolqu ix-xogħol, komplejna nnaqqsu l-piż tat-taxxi, tajna appoġġ akbar lill-familji u l-pensjonanti tagħna, filwaqt li għarafna nsostnu l-edukazzjoni, is-saħħa, u l-ambjent ta' pajjiżna.

Il-Prim Ministru talabni biex nagħlaq dan id-dikors tal-aħħar baġit ta' din il-leġiżlatura billi nirringrazzja lill-familji kollha tagħna li bil-ħidma tagħhom pajjiżna miexi 'l quddiem minkejja l-maltemp kbir ta' madwarna. Talabni wkoll biex f'isem il-Gvern nitlobkom tagħdru n-nuqqasijiet tagħna.

F'dan kollu aħna fittixna u qed infittxu li nagħmlu l-għażliet responsabbli li jħarsu verament il-ġid tal-familji tagħna u ta' uliedna.

Il-maltemp għadu għaddej fl-aqwa tiegħu. Imma pajjiżna baqa' miexi 'l quddiem bl-għażliet li għamilna flimkien.

L-għażliet tal-poplu Malti llum, anke meta dawn ikunu diffiċli, huma l-aqwa garanzija għal futur fis-sod għal pajjiżna u l-familji Maltin u Għawdxin kollha.